# Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza **RAPPORT ANNWALI**

# 2011

NCPE

# WERREJ

Paġna


| | |
|---|---|
| *Min hi l-NCPE?* | 04 |
| *Messaġġ mill-Onor. Ministru Chris Said* | 06 |
| *Messaġġ mill-Kummissarju tal-NCPE* | 08 |
| *Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE* | 10 |
| *Il-Kummissarju u l-Membri tal-Kummissjoni* | 12 |
| *Il-Parti Eżekuttiva tal-Kummissjoni* | 16 |
| *L-Ugwaljanza f'Malta: Ħarsa Lejn l-2011* | 18 |
| *X'ħidma Għamlet l-NCPE Sabiex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni?* | 20 |
| *Kif Tista' Tagħmel Użu mis-Servizzi li Toffri L-NCPE?* | 48 |
| *Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja* | 50 |
| *Inħarsu 'l Quddiem* | 52 |


ISBN 978-99909-89-45-8

# MIN HI L-NCPE?

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza taħdem kemm biex toħloq għarfien kif ukoll biex toffri rimedju lil dawk l-individwi li jħossu li ġew diskriminati abbażi tar-razza u l-oriġini etnika jew tal-ġeneru fl-proviżjon ta' servizzi u oġġetti, kif ukoll fil-każ ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, inkluż fir-responsabbiltajiet tal-familja, fuq il-post tax-xogħol.

Il-ħidma tal-Kummissjoni hija regolata kif stipulat f'Kapitlu 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa kif ukoll mil-leġislazzjoni sussidjarja li ħarġet sussegwentement, jiġifieri, Avviż Legali 85 tal-2007, Att dwar Trattament Indaqs ta' Persuni, kif ukoll Avviż Legali 181 tal-2008, Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u Provvista ta' Oġġetti u Servizzi.

Matul is-sena 2011, daħlu fis-seħħ diversi avviżi legali, li għad li ma jaffettwax lill-NCPE fil-mandat tagħha b'mod dirett, huma marbuta mal-prinċipju tal-ugwaljanza. Dawn huma Avviż Legali 130 tal-2011, Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg); Avviż Legali 204 tal-2011, Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt ta' Leave tal-Ġenituri; kif ukoll Avviż Legali 503 tal-2011 Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) (Emenda Nru. 2). Aktar dettalji dwar dawn l-Avviżi Legali jinstabu fis-sezzjoni 'L-Ugwaljanza f'Malta: Ħarsa lejn l-2011' ta' dan ir-rapport.

Matul l-2011, l-NCPE kompliet il-ħidma tagħha f'oqsma differenti bħall-ħolqien ta' għarfien permezz ta' programmi fuq ir-radju u televiżjoni; taħriġ lil setturi differenti tas-soċjeta'; rispons għal diversi dokumenti; reviżjoni ta' prattiċi u proċeduri ta' kumpaniji privati u l-għoti tal-Marka tal-Ugwaljanza, riċerka, risposti għal talbiet għal informazzjoni kif ukoll investigazzjoni ta' lmenti.

Il-ħolqien ta'għarfien permezz tal-media kif ukoll it-taħriġ huma mezz essenzjali li permezz tiegħu l-Kummissjoni twassal il-messaġġ tal-ugwaljanza lill-pubbliku ġenerali filwaqt li l-pubbliku jsir jaf aktar dwar l-NCPE bħala entita' li toffri rimedju kif ukoll informazzjoni. Ta' min jgħid li huwa permezz tar-rispons li tirċievi permezz tat-talbiet għall-informazzjoni u l-ilmenti fost l-oħrajn, li l-NCPE tidentifika l-oqsma li għandha tindirizza u li huma sinifikanti għal Malta u Għawdex.

Ir-riċerka, li normalment titwettaq permezz ta' diversi proġetti, hija għodda oħra li l-NCPE tħaddem sabiex tinvestiga oqsma speċifiċi li jaffettwaw lis-soċjeta'. Matul is-sena 2011 il-Kummissjoni għamlet riċerka dwar diversi suġġetti. Fost dawn kien hemm

- *Riċerka kwantitattiva dwar il-perċezzjonijiet taż-żgħażagħ f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskriminazzjoni;*
- *Riċerka kwantitattiva dwar il-perċezzjonijiet tal-impjegati tas-servizz pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskriminazzjoni;*
- *Riċerka kwalitattiva dwar diskriminazzjoni abbażi ta' razza f'Malta;*
- *Riċerka kwalitattiva dwar diskriminazzjoni LGBT f'Malta;*
- *Studju komparattiv dwar intraprendituri nisa u rġiel;*
- *Studju dwar ir-realta' ta' dawk li jaħdmu għal rashom kif ukoll ta' ħaddiema fuq kuntratti;*
- *Riċerka fejn ġie analizzat x'jipproduċi glass ceiling u glass cliff f'Malta;*
- *Studju dwar kemm l-indipendenza ekonomika hija importanti għall-mara Maltija;*
- *Studju dwar l-effetti tas-sigurta' soċjali fid-deċiżjoni jekk persuna toħroġx taħdem jew le;*
- *Studju li janalizza l-inattivita' tan-nisa fil-poplazzjoni Maltija;*
- *Studju dwar il-ħiliet tal-popolazzjoni inattiva;*
- *Studju li janalizza l-fatturi li jaffettwaw in-nisa Għawdxin f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg;*
- *Ktejjeb ta' informazzjoni għall-vittmi; u*
- *Kumpilazzjoni ta' każistika rilevanti.*

Servizz ieħor li ħareġ minn proġett u li l-NCPE kompliet toffri matul l-2011, kien l-għoti taċ-ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza. Il-Marka tal-Ugwaljanza, li ħarġet mill-proġett tal-FSE 3.47 - 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara', hija l-opportunita' għal min iħaddem li juru bil-provi li fil-fatt isegwu u jimplimentaw politika u prinċipji li jħaddnu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u jingħataw ċertifikat dwar dan.

Bħal kif sar fis-snin ta' qabel, matul is-sena 2011, l-NCPE kompliet tagħti r-rispons tagħha fir-rigward ta'diversi dokumenti nazzjonali, kif ukoll tal-Unjoni Ewropea, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ugwaljanza. Il-Kummissjoni tat ukoll ir-rispons tagħha għal diversi miżuri politiċi nazzjonali filwaqt li anke pprovdiet gwida lill-entitajiet pubbliċi kif ukoll dawk privati fil-kitba ta' politika dwar l-ugwaljanza u dwar il-fastidju sesswali.

Sabiex tkompli bil-ħidma msemmija, l-NCPE temmen bis-sħiħ li huwa importanti li taħdem flimkien mal-partijiet interessati minn diversi oqsma fi ħdan is-soċjeta' kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Fil-fatt dan huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali li l-Kummissjoni qed tipprova tilħaq matul din is-sena anke permezz tax-xogħol tal-proġetti kif ukoll permezz tax-xogħol ta' kuljum.

Fil-paġni li ġejjin f'dan ir-Rapport Annwali hemm iżjed dettalji dwar ix-xogħol imsemmi li twettaq mill-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

*NCPE*
*Ir-4 Sular, Dar Gattard,*
*Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda*
*www.equality.gov.mt*

*25903850*

# MESSAĠĠ MILL-ONOR. MINISTRU CHRIS SAID



Matul dawn l-aħħar snin l-ugwaljanza f'Malta għamlet ħafna passi 'il quddiem u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, bla dubju, kellha parti ewlenija fil-kisbiet li saru. Żgur li, minn meta ġiet stabbilita fl-2004, ix-xogħol li wettqet il-Kummissjoni kellu valur kbir biex b'hekk tinħoloq kuxjenza dwar l-importanza tal-ugwaljanza, issir riċerka ta' siwi kbir kif ukoll fis-servizzi li toffri lil persuni li għaddew minn esperjenza ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom.

Matul l-2011, l-NCPE organizzat kampanji ta' ħolqien ta' għarfien, investigat ilmenti u implimentat proġetti ko-finanzjati mill-UE. Permezz tal-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti, l-NCPE kellha l-opportunità li twettaq diversi proġetti ta' riċerka u sessjonijiet ta' taħriġ li saru bil-għan li tiġi mħeġġa kultura ta' drittijiet fost is-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Barra minn dan, billi kienu organizzati taħriġ u sessjonijiet ta' tkabbir ta' ħiliet, il-Kummissjoni rnexxielha tagħti għarfien u kompetenza lill-uffiċjali sabiex tiggarantixxi ambjent tax-xogħol li jħaddan it-tolleranza u d-diversità.

Il-Gvern dejjem wera l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi tal-NCPE permezz tad-dħul ta' miżuri li jagħtu inċentiv sabiex ikun hemm iżjed parteċipazzjoni bil-ħila ta' miżuri politiċi u deċiżjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza. Eżempju ta' din il-kollaborazzjoni li rnexxiet huwa l-proġett tal-NCPE L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi - fil-Prattika, li kellu l-approvazzjoni sħiħa tal-Ministeru tal-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja. Dan il-proġett juri l-impenn tal-gvern fl-integrazzjoni tal-ugwaljanza u r-responsabbiltà tas-settur pubbliku li jkun ta' eżempju għall-implimentazzjoni ta' politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.[1] Permezz ta' sessjonijiet prattiċi ta' taħriġ kif ukoll kuntatt dirett mal-impjegati tas-servizz pubbliku, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura s-sostennibilità tal-attivitajiet tal-proġett kif ukoll li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-għodda żviluppata bħala parti mill-proġett sabiex tiġi fis-seħħ l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

1 *Ċirkolari tal- OPM Nru. 133/89 tal-20 ta' Novembru 1989; Ċirkolari tal-OPM Nru. 24/2000 li ħarġet fis-26 ta' Ġunju 2000.*

Matul l-2011, ir-rata tan-nisa fis–suq tax-xogħol żdiedet bi 2.9% meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel biex b'hekk laħqet l-40.6% fit-tieni kwart tas-sena 2011.[2] Ta' min jgħid ukoll li l-ikbar żieda kienet fil-grupp li għandhom bejn 25 u 54 sena, fejn ir-rata ta' impjiegi laħqet il-50.4% meta mqabbla mal-45.7% tas-sena ta' qabel. Bi pjaċir ninnota li sar progress konsiderevoli iżda madankollu issa rridu nħarsu biex niksbu soċjetà, li verament tkun inklussiva fl-oqsma kollha. Permezz tal-Proġett Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara (Unlocking the Female Potential), l-NCPE tippremja kumpaniji li jissodisfaw numru ta' kriterji li jixhdu li huma kumpaniji li jħaddnu l-valur tal-opportunitajiet indaqs bejn is-sessi.

> "Matul l-2011, ir-rata tan-nisa fis–suq tax-xogħol żdiedet bi 2.9%

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza hija wkoll attiva fil-qlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' razza. L-NCPE għamlet riċerka dwar l-ugwaljanza abbażi ta' razza permezz tal-proġett Naħsbu b'Mod Ugwali, li tipprovdi ħarsa kwalitattiva lejn id-diskriminazzjoni abbażi ta' razza f'Malta. Dan l-istudju ġabar informazzjoni kwalitattiva dwar l-inċidenza ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza u kemm filfatt hija mifruxa. Dan żgur se jgħin biex jittieħdu deċiżjonijiet u titfassal il-politika tal-Gvern f'dan ir-rigward.

Il-benefiċċji tal-ugwaljanza huma estensivi u għandhom impatt kbir fuq il-ħajja ta' kull individwu. Għaldaqstant irridu naħdmu flimkien sabiex niżguraw li l-membri kollha tas-soċjetà tagħna jiġu trattati b'mod ġust bl-opportunità għal rimedji. L-ugwaljanza fl-opportunitajiet għall-membri tas-soċjetà hija ċ-ċavetta sabiex tinkiseb l-ugwaljanza fil-fatt lil hinn mil-liġi. L-għarfien u l-kollaborazzjoni huma l-għodod li permezz tagħhom nistgħu neqirdu d-diskriminazzjoni u nrawmu ambjent li jħaddan l-ugwaljanza.

2 *NSO Labour Force Survey Q2/2011*

# MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-NCPE



Għaddiet sena minn meta ingħatajt il-ħatra ta' Kummissarju tal-NCPE. Għalija dan kien żmien mimli attività iżda wkoll esperjenza li tatni ħafna. Inħoss li missejt mal-aspetti fundamentali ta' xi tfisser l-ugwaljanza u l-prinċipji li jwettquha. Iktar minn kollox niskanta bl-ammont ta' xogħol li l-NCPE jirnexxilha twettaq bir-riżorsi limitati disponibbli li għandha.
Ix-xogħol tal-NCPE huwa fil-qasam tal-ugwaljanza f'Malta u Għawdex skont il-mandat li għandha, jiġifieri l-ugwaljanza bejn is-sessi u/jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' responsabbiltajiet familjari fuq il-post tax-xogħol kif ukoll l-ugwaljanza fl-aċċess għal u għoti ta' servizzi u oġġetti abbażi ta' razza/oriġini etnika u anke ġeneru. Għad li l-mandat li għandha l-NCPE jobbligaha taħdem fuq dawn il-binarji, l-NCPE tagħmel sforzi sabiex tippromwovi l-ugwaljanza u taħdem biex telimina d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha.

Il-Kummissjoni taħdem b'mod kontinwu fis-soċjetà sabiex tinkiseb l-ugwaljanza, u dan ġara wkoll matul l-2011. Filfatt fis-sena 2011 sar ħafna taħriġ, riċerka, ħolqien ta' għarfien u xogħol fuq ilmenti. It-taħriġ ingħata lill-gruppi speċifiċi sabiex ikun hemm effett anċillari. Saret riċerka marbuta ma' bosta kwistjonijiet sabiex tinkiseb stampa ċara tas-sitwazzjoni f'Malta. Eżempju ċar ta' dan kienet ir-riċerka li saret b'rabta mal-proġett "Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara", studji li kellhom fil-mira tagħhom diversi gruppi ta' persuni li flimkien juru l-kuntest nazzjonali. Fuq bażi tal-informazzjoni li nġabret, issa qegħdin f'pożizzjoni fejn nistgħu nidentifikaw aħjar il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi sabiex il-provviżjonijiet li jsiru jkunu iżjed addattati għall-kwistjonijiet nazzjonali u b'hekk ikunu iżjed effettivi. Il-ħolqien ta' għarfien huwa kruċjali sa minn età żgħira u hemm bżonn li jiġi sostnut bil-mezzi kollha possibli, kemm permezz tal-media, l-iskejjel, kulleġġi jew modi oħra sabiex jintlaħqu s-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà. Għaldaqstant l-NCPE qed tuża l-opportunitajiet kollha li jkollha sabiex tippromwovi l-ugwaljanza u tkun f'pożizzjoni aħjar biex tinfluwenza d-direzzjoni politika.

L-ilmenti huma parti importanti ħafna tax-xogħol li tagħmel l-NCPE. Parti mix-xogħol tal-Kummissarju jinkludi wkoll l-investigazzjoni ta' dawn l-ilmenti. Filfatt matul din is-sena, ir-responsabbiltà ewlenija tiegħi kienet li ninvestiga l-ilmenti, u nagħti opinjonijiet marbuta mal-ilmenti ppreżentati. Fost dawn kellna każijiet ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, fastidju sesswali u diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza. Mhix biċċa xogħol faċli li tiżgura riżultat ġust u għalhekk kien meħtieġ li nqattgħu ħafna sigħat nisimgħu l-evidenza u niddiskutu, kif ukoll iltqajna ma' diversi entitajiet sabiex nagħlqu l-każijiet. Ħafna minn dawn il-każijiet ħolqu għarfien fina stess dwar modi kif aħna nistgħu ntejbu x-xogħol tagħna fl-NCPE sabiex neliminaw id-diskriminazzjoni.

Fl-2011, l-NCPE ħadmet ukoll fuq diversi proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Dawn kienu:

- *Il-proġett 'Naħsbu b'Mod Ugwali' fejn saret riċerka fl-oqsma li fuqhom issir id-diskriminazzjoni u inħoloq għarfien fost iż-żgħażagħ permezz ta' bosta inizjattivi fost l-oħrajn wirja tal-arti u anke kunċert tal-mużika.*
- *Permezz tal-proġett 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara' saret riċerka dwar diversi aspetti tal-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol u tkompliet ukoll iċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji bħala 'Gender Equal Opportunity Employers' u ngħataw il-Marka tal-Ugwaljanza.*

Il-Kummissjoni hija f'kuntatt kontinwu mal-korrispondenti tagħna fl-UE l-iżjed permezz ta' konferenzi, seminars, taħriġ u laqgħat fejn isir skambju ta' prattiċi tajba. Permezz ta' dan nibqgħu aġġornati dwar emendi fil-liġijiet, azzjonijiet u miżuri politiċi u anke l-implimentazzjoni tagħhom. Dan jagħtina wkoll ideat għal miżuri fil-futur. Hawnhekk nixtieq ukoll inżid li l-korpi tal-ugwaljanza l-oħra fl-UE iħarsu lejn ix-xogħol tagħna fil-qasam tal-ugwaljanza minn lenti pożittiva ħafna u b'riżultat ta' dan, uħud mill-prattiċi tajba tagħna jiġu implimentati wkoll mill-gruppi l-oħrajn.

Huwa permezz ta' din il-ħidma kontinwa li jintlaħqu l-iskopijiet tal-Kummissjoni, li jinkludu l-għarfien fost l-individwi ta' x'inhuma d-drittijiet tagħhom fir-rigward tad-diskriminazzjoni, għarfien dwar fejn jistgħu jmorru biex jingħataw rimedji għall-ilmenti tagħhom u għajnuna biex iressqu lmenti dwar diskriminazzjoni.

Filfatt qed inħarsu 'il quddiem lejn is-sena d-dieħla li se tkun kontinwazzjoni tax-xogħol li nbeda matul l-2011, kif ukoll bidu ta' proġetti ġodda, fosthom "Jien Mniex Persuna Razzista, Imma..." li se jinkludi riċerka, taħriġ, media u fuljetti. Ikoll bl-iskop li jiġġieldu speċifikament id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza.
Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-familja kollha fi ħdan l-NCPE, l-iżjed lil Dr Romina Bartolo, li ħdimt magħha mill-qrib, kif ukoll lill-grupp fis-Sezzjoni li Tinvestiga l-Ilmenti, Carmen, Maria u l-konsulenti legali. Ir-ringrazzjamenti tiegħi jmorru wkoll lill-bqija tat-team li jaħdmu sfiq sabiex jippromwovu l-ugwaljanza. Napprezza ħafna x-xogħol li tagħmlu u napprezza ħafna r-relazzjonijiet li għandna.

**Is-Sra Maud Joan Muscat**

# MESSAĠĠ MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV TAL-NCPE



Is-sena 2011 kienet waħda impenjattiva ħafna għall-NCPE minħabba x-xogħol li sar fuq tliet proġetti mimlijin attivitajiet u riċerka li saru bil-għan li jiġu studjati kwistjonijiet speċifiċi fi ħdan is-soċjetà tagħna sabiex inkunu nistgħu naħdmu fl-oqsma li hemm bżonn isir titjib fihom.

Minkejja li l-mandat tagħna baqa' iffukat b'mod esklussiv fuq l-ugwaljanza abbażi tal-ġeneru/responsabbiltajiet tal-familja fuq il-post tax-xogħol u ġeneru u razza fl-għoti u aċċess ta' prodotti u servizzi, xorta waħda frixna f'oqsma iżjed wesgħin permezz tal-proġett 'Naħsbu b'Mod Ugwali' li ħares lejn il-bażijiet kollha li fuqhom issir diskriminazzjoni u saret riċerka iżjed fil-fond dwar żgħażagħ, razza u orjentazzjoni sesswali sabiex nifhmu aħjar dawn il-kwistjonijiet fl-ambitu tas-soċjetà Maltija u Għawdxija. Minbarra dan, intużaw ukoll l-arti u l-mużika sabiex jasal il-messaġġ li kien immirat l-iktar lejn iż-żgħażagħ.

Skop importanti ħafna tal-NCPE huwa l-ħolqien ts' għarfien u s-sena li għaddiet ma kinitx eċċezzjoni f'dan ir-rigward u għaldaqstant kienet il-missjoni tagħna li nilħqu nies kemm jista' jkun. Għalhekk, matul l-2011, l-NCPE offriet ħafna taħriġ u ħadet sehem f'diversi programmi, xandret PSAs, qassmet fuljetti u tkellmet f'diversi konferenzi u seminars, dejjem bil-għan li jinħoloq għarfien dwar l-ugwaljanza u s-servizzi li toffri l-NCPE.

Permezz tal-Proġett 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara'('Unlocking the Female Potential') l-NCPE kompliet tagħti l-Marka tal-Ugwaljanza, li saret iżjed popolari mis-sena ta' qabel u tkompli sservi bħala ċertifikazzjoni li min iħaddem huwa lest li jaħdem biex jikseb l-ugwaljanza fil-fatt. Matul l-2011, 22 kumpanija ngħataw din il-marka, li bejniethom jirrappreżentaw 13,232 impjegat li jaħdmu f'organizzazzjonijiet li huma ċċertifikati mill-NCPE bħala kumpaniji li jemmnu fl-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel.

Il-proġett 'L-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza - fil-Prattika' (Gender Mainstreaming - in Practice') huwa proġett attwali li se jasal fit-tmiem tiegħu matul l-2012. Filfatt bħalissa qed isiru l-istudji, l-workshop għal dawk li jridu jħarrġu lil ħaddieħor sar b'suċċess u qed isiru l-preparamenti meħtieġa għat-taħriġ li jmiss li għandu l-iskop li jħeġġeġ u jiffaċilita l-amministrazzjoni pubblika fit-twettiq tal-integrazzjoni tal-ġeneru fix-xogħol ta' kuljum.

Fl-2011 kien hemm influss kontinwu ta' Talbiet għall-Informazzjoni u anke tressqu diversi ilmenti b'mod formali. Madankollu, bil-ħila tar-riċerka, nafu li għad hawn nuqqas kbir f'dawk li huma rapporti u għaldaqstant b'mod kontinwu nħeġġu lill-individwi li għaddew minn xi diskriminazzjoni jew li kienu xhieda ta' diskriminazzjoni biex jagħmlu kuntatt magħna ħalli ngħinuhom fl-ilment tagħhom.

Is-sena li ġejja se tkun waħda mimlija attivitajiet, anke minħabba proġett ġdid fjamant li se jiffoka fuq l-ugwaljanza abbażi ta' razza fl-għoti ta' u aċċess għal prodotti u servizzi. Dan il-proġett "Minix Persuna Razzista, Imma..." għandu l-iskop li jtejjeb l-implimentazzjoni tal-liġi u n-non-diskriminazzjoni, filwaqt li permezz tar-riċerka qed nisperaw li niksbu għarfien għall-iżvilupp ta' miżuri politiċi f'dan il-qasam kif ukoll li nippromwovu l-ugwaljanza lil hinn mil-liġi. Permezz tat-taħriġ u l-fuljetti bl-informazzjoni, reklami fuq il-media, filmati qosra kif ukoll Ġurnata dwar l-Anti-razziżmu fost attivitajiet oħra maħsuba fil-proġett, aħna nixtiequ nqassmu kemm jista' jkun informazzjoni dwar politika tal-UE u nazzjonali u anke dwar il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-anti-diskriminazzjoni.

Barra minn hekk, sinċerament nisperaw li r-riċerka li saret tgħin lill-NCPE u lill-partijiet interessati jagħmlu progress f'oqsma partikolari tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju is-Sinj. Maud Muscat u l-membri kollha tal-Kummissjoni għad-dedikazzjoni u l-appoġġ tagħhom, kif ukoll lill-ħaddiema tal-NCPE għall-ħerqa li juru għax-xogħol li jsir b'mod kontinwu hekk kif huwa rifless fit-tmien Rapport Annwali tagħna.

**Dr. Romina Bartolo**

# IL-KUMMISSARJU U L-MEMBRI TAL-KUMMISSJONI

## Il-Kummissarju



**Is-Sra Maud Joan Muscat**
*M.Ed.,B.A.Youth & Comm.Studies, Dip. in Sc.Couns.*

Is-Sinjura Maud Muscat hija gradwata mill-Università ta' Malta u għandha Bachelor's degree fl-Arti, diploma postgraduate fil-qasam tal-Counselling fl-iskejjel u wkoll Masters fl-Edukazzjoni. Hija ħadet it-taħriġ bħala għalliema fil-Kulleġġ Mater Admirabilis. Is-Sinjura Muscat għallmet fl-iskejjel tal-Gvern kif ukoll f'dawk tal-Knisja. Fl-1996 hija bdiet toffri counselling fl-iskejjel tal-Knisja u kienet ko-ordinatriċi ta' dawn is-servizzi għal bosta snin. Fost affarijiet oħra, hija lecturer tal-Personal and Social Development (PSD) u tagħti taħriġ lill-għalliema fl-Università ta' Malta. Hija tgħallem ukoll fil-kors M.Couns. and Youth Studies. Barra minn dan, serviet fuq diversi bordijiet tal-gvern kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Is-Sinjura Muscat ippubblikat diversi dokumenti, ipparteċipat f' konferenzi nazzjonali u internazzjonali u anke tat kontribut fi programmi tar-radju.

## Il-Membri tal-Kummissjoni



**Is-Sur Mario Mallia**
*M.Ed., B.Ed (Hons), Postgraduate Dip. in Educational Administration and Management, Dip in Environmental Science*

Is-Sur Mario Mallia huwa gradwat B.Ed (Hons) u M.Ed. u għandu wkoll Postgraduate Diploma fl-Amministrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Edukazzjoni u Diploma fix-Xjenza tal-Ambjent. Kien għalliem għal tnax-il sena qabel ma sar Assistent Kap tal-Iskola l-Kbira tal-Kulleġġ St Albert the Great għal erba' snin. Fil-preżent huwa Kap tal-Iskola St Albert the Great b'responsabbiltajiet kemm tas-settur Primarju kif ukoll dak Sekondarju. Is-Sur Mallia ġie elett bħala għalliem u rappreżentant tal-ġenituri fuq diversi kunsilli tal-iskejjel. Ilu attiv f'diversi NGOs għal bosta snin. Kien ukoll jokkupa diversi postijiet ta' responsabbiltà fuq il-Kumitat Eżekuttiv tal-Alternattiva Demokratika. Ġie elett bħala membru tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara f'isem l-Alternattiva Demokratika bejn l-2003 u l-2006. Huwa ko-fundatur tal-Unjin Ħaddiema Ħwienet. Kien elett rappreżentant tal-Kunsill Studenti Universitarji għal numru ta' snin fejn kien ukoll Viċi-President. Kien ukoll responsabbli minn kummentarji editorjali fuq numru ta' radjijiet għal bosta snin. Is-Sur Mallia ta wkoll il-kontribut tiegħu f'bosta pubblikazzjonijiet fil-qasam edukattiv u politiku. Ilu Membru tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza minn meta ġiet iffurmata fl-2004 u viċi-Chairperson tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi mill-2009. Huwa miżżewweġ lil Josephine u għandu tifel Samuel.



**Dr.Vanni Xuereb**
*LL.B., B.A. (Hons) Theology, Postgraduate Dip. in Advanced European Legal Studies*

Dr Vanni Xuereb huwa gradwat mill-Università ta' Malta fil-Liġi (1988) u t-Teoloġija (1997). Huwa kiseb Diploma postgraduate fl-Advanced European Legal Studies mill-College d'Europe fi Bruges fl-1989. Bejn l-1999 u l-2007 serva bħala President tal-Kummissjoni tal-Knisja għall-Malta u l-Ewropa. Kien ukoll jipprattika bħala avukat speċjalizzat f'servizzi finanzjarji u l-liġi tal-UE. Dr Xuereb inħatar Kap tal-Malta-EU Steering and Action Committee fl-2008. Il-MEUSAC hija l-organu responsabbli mill-konsultazzjoni fuq politika u leġislazzjoni tal-UE, għoti ta' informazzjoni dwar l-UE u tgħin lill-Kunsilli Lokali u l-NGOs fil-qasam tal-Fondi tal-UE. Il-MEUSAC hija mpenjata li tiżgura li l-kwistjonijiet kollha mqajma fuq livell Ewropew b'rabta mal-ugwaljanza jiġu diskussi tajjeb mis-soċjetà ċivili. Dr Xuereb ilu jservi fl-NCPE minn meta ġiet imwaqqfa fl-2004.



**Dr. Monica Galea**
*M.A. in Financial Services, B.A., LL.D., Adv.Trib.Eccl.Melit*

Dr Monica Galea B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv.) Adv. Trib.Eccl.Melit. TEP, tipprattika fl-oqsma tas-Servizzi Finanzjarji u Liġi tal-Banek, Trusts u Estate Planning, Liġi tal-Kumpaniji u Medjazzjoni tal-Familji.

Monica Galea hija avukat gradwata mill-Università ta' Malta li kompliet tkabbar l-istudji tagħha fl-oqsma tas-Servizzi Finanzjarji, Liġi tat-Trusts u Medjazzjoni tal-Familji. Hija kisbet diploma fil-Liġi Kanonika Matrimonjali u Ġurisprudenza, u M.A fis-Servizzi Finanzjarji mill-Università ta' Malta. Barra minn dawn għamlet kors akkreditat mill- European Forum for Training and Research in Family Mediation Degree dwar il-Medjazzjoni tal-Familji.

Bejn l-2004 u l-2006, Monica Galea kienet taħdem bħala Medjatur tal-Familja maħtura mill-Qorti, fil-Qorti tal-Familja ta' Malta.

Fil-preżent hija tipprattika fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tagħha bħala Senior Associate ma' Fenech & Fenech Advocates fil-Belt Valletta, fejn tipprovdi wkoll servizzi ta' medjazzjoni tal-familji.

Monica Galea hija membru tal-Kamra tal-Avukati, il-Maltese Institute of FinancialServices Practitioners u qiegħda fuq l-Anti-Money Laundering and Trusts Committee tal-istess organizzazzjoni, il-German-Maltese Circle, u s-Society of Trust and Estate Practitioners.



**Dr Mariosa Vella Cardona**
*M.A in European Law and Comparative Studoes, LL.D.*

Dr Mariosa Vella Cardona hija avukata b'esperjenza ta' 13-il sena. Wara li kisbet id-dottorat fil-Liġi fl-Università ta' Malta, hija kompliet tispeċjalizza fuq il-European Law and Comparative studies billi kisbet grad ta' Masters mill-istess Università.

Wara li ħadmet bħala uffiċjal legali fi ħdan is-Servizz Pubbliku assenjata fil-Qrati Maltin, fl-1999, hija ingħaqdet bħala Associate ma' Ganado Sammut Advocates, kumpanija legali ewlenija f'Malta. Fi ħdan din l-organizzazzjoni, Dr Vella Cardona ħadmet primarjament fil-Liġi Ewropea, il-Liġi tal-Kompetizzjoni u l-Proprjetà Intellettwali. Fil-perjodu meta Malta kienet se tissieħeb mal-Unjoni Ewropea, hija kienet ukoll involuta b'mod attiv fil-proċess tal-iscreening tal-liġijiet ta' Malta biex tara li huma konformi mal-Acquis tal-UE. Dr. Vella Cardona ħadet ukoll sehem f'eżerċizzji ta' negozjar mal-awtoritajiet Maltin u Ewropej f'isem il-klijenti tagħha. Dr Vella Cardona ħejjiet ukoll numru ta' rapporti li kienu jinvolvu analiżi fil-fond ta' diversi miżuri politiċi tal-UE inkluż dawk soċjali u tal-impjiego. Hija kienet ukoll Direttur u Kap Riċerkatur fi ħdan l-ERCS Ltd, fejn għamlet riċerka b'rabta ma' żviluppi tal-UE u miżuri politiċi. Barra minn dan ħadmet f'bosta proġetti għall-awtoritajiet lokali kif ukoll klijenti privati.

Fl-2007, Dr Vella Cardona waqqfet il-kumpanija legali tagħha u fil-preżent toffri servizzi ta' konsulenza legali fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tagħha.

Minbarrra l-attività tagħha bħala avukat, Dr Vella Cardona kellha wkoll bosta ħatriet matul l-aħħar snin, fosthom:

- *Konsulent Legali tal-Onor. Dr Simon Busuttil, MEP*
- *Lecturer dwar European and Comparative Competition Law fl-Università ta' Malta*
- *Esperta ewlenija dwar rimedju kollettiv tal-konsumatur għal membru nazzjonali tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali*
- *Assistent Segretarja Ġenerali tal-Malta Bankers' Association*
- *Membru Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa Deputat Chairperson tal-Malta Competition and Consumer Affairs Authority*



**Is-Sra Andrea Dibben**
*M.A in Creativity and Innovation*

Is-Sinjura Andrea Dibben gradwat mill-Università ta' Malta fl-2002 bħala social worker u kompliet tistudja għal M.A. fil-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-istess Università. Mill-2002 sal-2004 kienet ko-ordinatriċi tal-Programm tas-Social Work tal-YMCA li kien jinkludi kemm is-servizzi ġeneriċi kif ukoll xelter għan-nisa u t-tfal bla dar. Wara dan kompliet taħdem fuq bażi freelance ma'organizzazzjonijiet differenti b'enfasi fuq it-taħriġ, riċerka u immaniġġjar ta' proġetti. Barra minn hekk ħadmet ħafna ma' ommijiet soċjalment żvantaġġati, immigranti u persuni bi problemi ta' akkomodazzjoni. Is-Sra Dibben kienet taħdem ukoll mad-Dipartiment tas-Social Work u Politika Soċjali bħala visiting lecturer u bħala uffiċjal responsabbli minn żewġ proġetti konsekuttivi tal-UE Leonardo li saru bl-iskop li jiffaċilitaw l-aċċess tal-edukazzjoni terzjarja għal studenti mhux tradizzjonali. Mill-2008, inħatret assistant lecturer fl-istess Dipartiment fuq bażi full-time u qed taħdem biex iġġib il-PhD fil-Politika Soċjali fl-Università ta' Bristol, fir-Renju Unit. Ir-riċerka empirika li qed tagħmel tiffoka fuq is-suġġett tat-tqala fost it-teenagers f'Malta, li qed tħares lejha minn perspettiva soċjalista femminista.



**Is-Sra Mary Galea Debono**
*B.A. (General) in English, French and History,*
*B.A.(Legal and Social Studies)*

Is-Sinjura Mary Galea Debono, nee Coster, twieldet il-Mosta fit-18 ta' Diċembru 1944. Wara li ħadet l-edukazzjoni sekondarja tagħha minn St. Theresa Girls' Grammar School, hija daħlet ir-Royal University of Malta. Is-Sra Galea Debono ggradwat B.A. (General) fl-Ingliż, Franċiż u Storja fl-1964 u ngħatat il-Professor Beck Prize for English. Hija ħadmet bħala għalliema fil-Maria Regina Girls' Grammar School. Bejn l-1987 u l-1991, hija segwiet kors fis-Soċjoloġija u Studji Legali li wassalha għall-B.A.(Legal and Social Studies) u d-diploma ta' Prokuratur Legali. Wieħed mill-interessi ewlenin tagħha huwa l-kontribut tan-nisa fl-oqsma varji tal-kisbiet umani u r-rwol differenti tagħhom matul iż-żminijiet. Dan jidher f'artikli li tikkontrobwixxi kull xahar f'rivista lokali. Hija miżżewġa lill-Imħallef Joseph Galea Debono u għandhom żewġt itfal.

# IL-PARTI EŻEKUTTIVA TAL-KUMMISSJONI




Taħt it-tmexxija tad-Direttur Eżekuttiv, il-ħaddiema tal-NCPE, il-parti eżekuttiva tal-Kummissjoni, iwettqu fil-prattika d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kummissjoni.

Sabiex ikunu f'pożizzjoni li joffru l-aħjar servizz possibli, il-ħaddiema tal-NCPE jingħataw taħriġ kemm intern u estern b'mod regolari, jattendu għal-laqgħat, konferenzi u seminars, kemm b'rabta max-xogħol kif ukoll biex ikabbru l-kapaċitajiet personali ta' kull individwu li mbagħad jistgħu jintużaw fuq il-post tax-xogħol. Uħud mis-sessjonijiet ta' taħriġ li ħadu sehem fihom il-ħaddiema tal-NCPE matul l-2011 jinkludu Equality Network of Equality Bodies (EQUINET) Equal Pay workshop li sar f'Londra; skambju ta' Prattiċi Tajba dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fuq Forom Ġodda ta' Xogħol organizzat f'The Hague mill-High Level Group on Gender Mainstreaming; Programm ta' Tmexxija organizzat f'Londra mill-Commonwealth; Taħriġ dwar Kapaċitajiet għal Bilanċ bejn il-Ħajja u x-Xogħol (Skills Towards a Work-Life Balance) li sar mill-MISCO, Internal factors Workshop Mid-term Evaluation of Operational Programmes I and II, u taħriġ tal-MEUSAC dwar il-Ġbir, l-Analiżi u t-Tqassim ta' Informazzjoni u Djalogu Ċivili (Collecting, Analysing and Disseminating Data on Social & Civil Dialogue). Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp (CDRT) jorganizza diversi sessjonijiet ta' taħriġ matul is-sena. Il-ħaddiema tal-NCPE ipparteċipaw f'dawn is-sessjonijiet kif ġej: Relazzjonijiet Pubbliċi, EU 2020 , Ħsieb Kritiku, Akkwisti Pubbliċi (Public Procurement); Riforma fl-Amministrazzjoni Pubblika, l-Immaniġġjar ta' Proġetti, u Managing and Improving Performance and Managing with Leadership.

L-NCPE ħadet sehem ukoll f'workshop imsemmi 'Equality Pays', li sar mill-EAA u n-Norwegian Grants fi Brussell, fejn ingħatat ħarsa lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel bħala investiment ekonomikament produttiv.

Il-Kunsill tal-Ewropa nieda rapport fi Strasburg bit-titlu 'Discrimination on the grounds of sexual orientation and gender identity'. L-NCPE ħadet sehem f'din l-attività li ħarset lejn is-sitwazzjoni tal-omofobija, transfobija u diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni u identità sesswali fl-iStati Membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-ħaddiema tal-Kummissjoni ħadu sehem ukoll: f'seminar dwar id-Direttivi tal-Anti-Diskriminazzjoni fil-Prattika. Dan kien organizzat mill-Academy of European Law (ERA) fi Trier; Seminar ta livell għoli dwar aspetti legali organizzat mill-European Network of Equality Bodies (EQUINET) fi Brussel; Seminar dwar il-Liġi tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa fil-Prattika organizzast mill ERA fi Trier; Workshop dwar il-Komunikazzjoni organizzat mill-EQUINET f'Kopenhagen; Seminar li sar fi Strasburg mill-European Commission against Racism and Intolerance (ECRI) għall-korpi nazzjonali speċjalizzati; Seminar "Dinjità u Drittijiet tal-Immigranti Irregolari" organizzat mill-Fundamental Rights Agency (FRA) f'Varsavja; Konferenza tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa li saret fi Brussell, u Workshop organizzat mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-Rwol tal-Irġiel fl-Ugwaljanza bejn is-Sessi" li sar fi Brussel.

L-NCPE kienet ukoll rappreżentata fil-ħames Summit Ewropew tal-Ugwaljanza, li kien organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. L-iskop ta' dan is-summit kien li jiġu identifikati il-miżuri politiċi u l-prattiċi f'livelli reġjonali u lokali sabiex tingieb 'il quddiem l-ugwaljanza u tkompli l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni; jiġu identifikati għodod u mekkaniżmi effettivi li jippromwovu l-ugwaljanza u jikkumbattu d-diskriminazzjoni fuq livell reġjonali u lokali; u sabiex jitfassal pjan ta' azzjoni għal futur li jistgħu jsegwuh diversi partijiet interessati ħalli kemm f'livell reġjonali kif ukoll dak lokali tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza u tkompli l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat ukoll Konferenza Internazzjonali bl-isem 'Prattiċi Tajba fil-Qasam tal-Prinċipju tal-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn is-sessi: lejn taħriġ effettiv dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi". L-NCPE ħadet sehem ukoll f'din il-konferenza. Permezz ta' din il-konferenza sar skambju ta' ideat rigward prattiċi tajba dwar taħriġ fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Kien hemm diskussjoni dwar il-prinċipji li għandhom imexxu it-taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-FRA organizzat ukoll simpożju fi Vjenna bl-isem "Using Indicators to Measure Fundamental Rights in the EU: challenges and solutions". L-NCPE kienet involuta f'dan is-simpożju fejn tħejjew suġġerimenti għall-iżvilupp u l-użu ta' indikaturi bħala għodda sabiex jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE.

# L-UGWALJANZA F'MALTA: ĦARSA LEJN L-2011

Matul is-sena 2011, sar xi tibdil fil-leġislazzjoni relatata mal-ugwaljanza u l-miżuri favur il-familja. Fil-fatt ġew fis-seħħ l-Avviżi Legali kif ġej: Avviż Legali 130 tal-2011, Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternita' (Impieg), Avviż Legali 204 tal-2011, Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt ta' Leave tal-Ġenituri kif ukoll Avviż Legali 503 tal-2011 Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) (Emenda Nru. 2).

Avviż Legali 130 tal-2011, Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) jitkellem dwar suġġett li ilu jiġi diskuss għal xi żmien, jiġifieri s-sitwazzjoni prekarja li nisa tqal jsibu ruħhom fiha waqt il-perjodu ta' prova fuq il-post tax-xogħol. Permezz tal-infurzar ta' dan l-Avviż Legali, min iħaddem huwa marbut li jagħti raġuni għat-tmiem tal-impjieg, li ma jistax ikun marbut mal-kundizzjoni tal-impjegata, jekk din tkun waqt il-perjodu ta' prova u dment li tkun infurmat lil min iħaddimha rigward it-tqala tagħha. Jekk impjegata tħoss li r-raġuni mogħtija mhix ġustifikata jew tħoss li r-raġuni vera għat-tmiem tal-impjieg tagħha kienet fil-fatt it-tqala, din tista' tirreġistra lment mat-Tribunal Industrijali fi żmien erba' xhur minn meta titkeċċa. Minn barra dan, f'każ li l-leave tal-maternita' jew il-leave tal-maternita' speċjali jibda qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' prova, dan il-perjodu jiġi sospiż sakemm l-impjegata tirritorna lura għax-xogħol.

L-Avviż Legali 204 tal-2011, Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dritt ta' Leave tal-Ġenituri jistipula li, sakemm l-impjegati jkunu ilhom jaħdmu fl-istess post mill-inqas għal tnax-il xahar, il-fostering tat-tfal għandu jitqies bl-istess drittijiet bħal-leave tal-ġenituri. Dan il-leave ukoll issa ġie estiż għal erba' xhur minn tliet xhur. Dan l-Avviż Legali jinkludi li hekk kif l-impjegati jirritornaw mil-leave tal-ġenituri, dawn għandhom dritt li jitolbu tibdil fis-sigħat ta' xogħol għal żmien speċifiku, dejjem b'kunsiderazzjoni għal-ħtiġijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiem. Matul il-perjodu tal-leave, min iħaddem u l-impjegati fuq leave tal-ġenituri, għandhom jibqgħu f'kuntatt sabiex b'hekk jippjanaw xi miżuri li jistgħu jittieħdu għar-ri-integrazzjoni tal-impjegati fil-post tax-xogħol tagħhom. Dan l-Avviż Legali se jiġi fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2012.

> “ Il-fostering tat-tfal għandu jitqies bl-istess drittijiet bħal-leave tal-ġenituri

Permezz tal-Avviż Legali 503 tal-2011 Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Maternità (Impieg) (Emenda Nru. 2) mill-ewwel ta' Jannar 2012 il-leave tal-maternita' li jingħata lill-impjegati ġie estiż għal sittax-il ġimgħa filwaqt li mill-1 ta' Jannar 2013 dan reġa ġie estiż għal tmintax-il ġimgħa. Madankollu, l-estensjoni ta' dan il-leave tal-maternita' mhux se jitħallas minn min iħaddem. Fil-fatt, min iħaddem huwa obbligat biss li jħallas erbatax-il ġimgħa b'rata tal-paga sħiħa.

Fil-Baġit għas-sena 2012, il-Gvern ħabbar li se jkun hemm rata fissa ta' 160 euro fil-ġimgħa li se jitħallsu mill-Gvern għall-ġimgħat żejda tal-leave tal-maternita', li se jiġu fis-seħħ permezz ta' dan l-Avviż Legali. Dan l-Avviż Legali jipprovdi wkoll li waqt it-tqala jew għal perjodu ta' tnax-il xahar mit-twelid jew id-data effettiva tal-adozzjoni tat-tarbija, l-impjegata m'għandhiex tkun obbligata li taħdem bis-sahra.

Fl-2011, mill-Labour Force Survey maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ħareġ ċar li żdiedet ir-rata tan-nisa fl-impjieg bi 2.9% biex b'hekk telgħet għal 40.6% fit-tieni kwart tas-sena 2011, meta din ir-rata tiġi kkumparata mal-istess kwart tas-sena 2010. Ta' min jgħid li l-ikbar żieda ġiet reġistrata fl-etajiet bejn il-25 u l-54 sena, fejn ir-rata ta' l-impjieg żdiedet għal 50.4% minn 45.7% tas-sena ta' qabel.

Il-provvedimenti msemmija huma lkoll marbuta mal-aspett tal-ġeneru skont il-mandat tal-Kummissjoni. Fir-rigward tal-parti tal-mandat f'dak li għandu x'jaqsam ma' razza u oriġini etnika, l-NCPE wettqet studju ta' riċerka li analizza d-diskriminazzjoni abbażi ta' razza f'Malta. L-istudju msemmi Diskriminazzjoni Razzjali f'Malta: Studju Kwalitattiv huwa parti mill-proġett ko-finanzjat permezz tal-PROGRESS (2007 – 2013) bl-isem Naħsbu b'Mod Ugwali. Dan l-istudju jitfa' dawl fuq il-firxa tad-diskriminazzjoni eżistenti fis-suq tax-xogħol u fl-aċċess u l-għoti ta' servizzi u oġġetti. Dan l-istudju ħares ukoll lejn id-diskriminazzjoni strutturali li tista' teżisti. Is-sejbiet fi ħdan din ir-riċerka wrew biċ-ċar li għad li l-qafas legali qiegħed fis-seħħ, bosta individwi xorta jesperjenzaw diskriminazzjoni abbażi tar-razza f'oqsma differenti f'ħajjithom.

Fi Frar 2011 ġie ippubblikat rapport ieħor interessanti ħafna – EU – Midis 5 Data in Focus report: Multiple Discrimination. Is-sejbiet ewlenin ta' dan l-istudju jindikaw li:

- *Dawk li ġejjin minn minoranzi etniċi huma iżjed f'riskju li jesperjenzaw diskriminazzjoni multipla minn dawk li jagħmlu parti mill-maġġoranza tal-popolazzjoni.*
- *Minoranzi viżibbli' – dawk li jidhru differenti mill-bqija tal-popolazzjoni - iħossuhom diskriminati ħafna aktar spiss u fuq iżjed oqsma meta jiġu mqabbla ma' minoranzi oħra. Per eżempju, ir-Roma u persuni ta' oriġini Afrikana huma iżjed esposti għal diskriminazzjoni minn persuni mill-pajjiżi tal-ex-Jugoslavja, dawk ta' origini Russa, u persuni mill-Ewropa Ċentrali u mill-Ewropa tal-Lvant.*
- *L-eta' u l-ġeneru għandhom impatt fuq kemm persuna hija esposta għad-diskriminazzjoni: per eżempju, żgħażagħ minn minoranzi etniċi/irġiel immigranti hemm tendenza li jirrappurtaw livelli għoljin ta' trattament diskriminatorju.*
- *Madwar 46% tal-parteċipanti li jesperjenzaw diskriminazzjoni fuq oqsma differenti kienu ġejjin mill-grupp li huwa reġistrat għandu l-inqas dħul fl-istat Membru tal-UE fejn jgħixu*[3].

---

3 *Is-sit elettroniku tal-FRA EU-Midis 5 Data in Focus report: Multiple Discrimination. http://fra.europa.eu/fraWebsite/research/publications/publications_per_year/pub-multiple-discrimination_en.htm*

# X'ĦIDMA GĦAMLET L-NCPE SABIEX TIĠĠIELED ID-DISKRIMINAZZJONI?

Matul l-2011, parti kbira mill-ħidma li twettqet mill-Kummissjoni kellha l-iskop li tiġġieled id-diskriminazzjoni b'xi mod jew ieħor. Fost dawn l-attivitajiet sar ħolqien ta' għarfien, li permezz tal-proġetti, kontribuzzjonijiet fil-media u taħriġ, wasslet ħafna informazzjoni għand il-poplu Malti u Għawdxi permezz ta' billboards, kunċert tal-mużika, kontribut fuq it-televiżjoni u r-radju, Avviżi fuq il-Mezzi tax-Xandir (PSAs) fosthom fuq it-televiżjoni u r-radju, reklami fuq il-paġna ta' facebook kif ukoll fuq il-website tal-NCPE, artikli u reklami f'rivisti u gazzetti, SMSs, wirja fotografika li daret ma' diversi lokalitajiet u wkoll diversi posters li tqassmu f'bosta entitajiet. Dawn se jiġu spjegati iktar fid-dettall hawn taħt.

## Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza fil-Media

Matul l-2011, il-Kummissjoni wżat bl-aħjar mod possibli l-mezzi ta' komunikazzjoni sabiex twassal il-messaġġ tagħha kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza. Filfatt il-Kumissjoni ġiet mistiedna tagħti kontribut f'diversi programmi għal intervisti rigward suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-mandat li għandha. Dawn, flimkien mal-artikli fil-media stampata, kienu l-mezzi ewlenin li permezz tagħhom l-NCPE waslet għand il-pubbliku.

Il-preżenza tal-Kummissjoni fuq il-media ssaħħaħ l-għan li tinforma, teduka, toħloq għarfien u tibni relazzjonijiet ta' kollaborazzjoni. Il-ħaddiema tal-NCPE tkellmu fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti fuq il-media fosthom, diskriminazzjoni u ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, miżuri favur il-familja, sterjotipi, il-Marka tal-Ugwaljanza kif ukoll l-ugwaljanza bejn ir-razez.

Dehru diversi artikli dwar il-Kummissjoni fuq il-media stampata, fejn inkiteb dwar id-diskriminazzjoni, dwar kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza inġenerali, il-Marka tal-Ugwaljanza, kif ukoll il-proċedura li għandha tkun segwita sabiex jitressaq ilment quddiem il-Kummissjoni. Barra minn hekk, matul is-sena, l-NCPE ħarġet diversi stqarrijiet għall-istampa dwar l-attivitajiet varji li organizzat u li dehru jew ixxandru fuq il-media lokali.

Barra minn hekk, l-NCPE tat il-kontribut tagħha dwar sitwazzjonijiet attwali li għandho x'jaqsmu mal-ugwaljanza f'diversi artikli u aħbarijiet miktuba minn ġurnalisti kemm mill-media stampata, televiżjoni kif ukoll fuq stazzjonijiet tar-radju.

Il-kontribuzzjonijiet kollha li għamlet l-NCPE fil-media jinsabu fuq il-website tal-NCPE www.equality.gov.mt fis-sezzjoni 'News and Events'.

## Laqgħat / Konferenzi

Il-parteċipazzjoni tal-NCPE f'diversi laqgħat u konferenzi għandha l-iskop li tiżgura li l-perspettiva tal-ugwaljanza tingħata l-attenzjoni xierqa waqt id-diskussjoni ta' kwistjonijiet differenti.

Dawn il-laqgħat u konferenzi jsiru kemm fuq livell lokali kif ukoll barra minn Malta. Uħud mil-laqgħat li matul l-2011 ipparteċipaw fihom il-ħaddiema tal-NCPE huma deskritti hawn taħt:

Fuq livell lokali, l-NCPE ħadet sehem f'laqgħa ta' Djalogu Pubbliku organizzata mill-Presidenza Ungeriża; Thinking Day bl-isem 'Empowering girls will change our world', organizzata mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Girl Guides; Seminar li sar fl-okkażjoni tal-Anniversarju tal-Liġi dwar l-Opportunitajiet Indaqs – Persuni b'Diżabilità, li kien organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità; seminar dwar l-inklużjoni soċjali organizzat mill-Partit Laburista; diskussjoni dwar in-nisa fil-ħajja pubblika organizzata mill-Partit Nazzjonalista; Servizz ta' Talb għad-Drittijiet Indaqs organizzat mill Moviment Kattoliku Studenti Universitarji (MKSU); u diskussjoni organizzata mill-Malta Confederation of Women's' Organisations (MCWO) dwar il-benefiċċji ta' kura tat-tfal wara l-ħin tal-iskola. L-NCPE organizzat ukoll laqgħat ma' diversi partijiet interessati fosthom, il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (NCW), l-Awtorita' tax-Xandir kif ukoll mal-Ambaxxatur Amerikan, Douglas W. Kmiec.

Min-naħa l-oħra fuq livell internazzjonali, l-NCPE ħadet sehem fil-Laqgħa Annwali tal-Korpi tal-Ugwaljanza tal-Kummissjoni Ewropea. L-għan ta' din il-laqgħa kien li jiġu diskussi l-kwoti u miżuri oħra ta' azzjoni pożittiva u r-rwol li għandhom il-korpi tal-ugwaljanza sabiex jimplimentaw dawn il-miżuri.

L-NCPE kienet ukoll involuta fil-laqgħa annwali tal-EQUINET – FRA li ssir bl-iskop li jiġu diskussi strutturi ta' kooperazzjoni fil-qafas tal-programmi tax-xogħol taż-żewġ entitajiet.

Il-kapijiet tal-korpi tal-ugwaljanza fl-Ewropa ingħataw l-opportunità li jiltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Istituzzjonijiet Ewropej, filwaqt li jieħdu sehem fil-laqgħa 'Realising the Potential of Equality Bodies and European Institutions'. L-NCPE ħadet sehem ukoll f'din il-laqgħa. Barra minn hekk, l-NCPE ipparteċipat f'laqgħa fi Brussell tal-Korpi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Kummissjoni Ewropea li ddiskutiet ir-rwol li għandhom il-korpi tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-NGOs sabiex jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja. L-ewwel laqgħa tal-grupp li qed jaħdem fuq l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-UE (EU Gender Equality Index) saret f'Vilnius, fl-2011 u kienet organizzata mill-European Institute of Gender Equality (EIGE). L-iskop li saret din il-laqgħa kien li jiġu ppreżentati r-riżultati ewlenin tal-istudju tal-EIGE dwar l-iżvilupp tal-istrutturi bażiċi tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi li tnieda fl-2010.

Il-Kumitat Eżekuttiv Italia-Malta Itaqa' fl-2011 sabiex jirrevedi applikazzjonijiet strateġiċi tal-proġetti. L-NCPE ipparteċipat ukoll f'laqgħat ta' livell għoli inkluż dik li saret f'Berlin, "Skambju ta' Prattiċi Tajba dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi" u laqgħat dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi li saru f'Varsavja u f'Budapest.

# Kumitati u Bordijiet - UE

Matul l-2011, l-NCPE ħadet sehem f'diversi kumitati internazzjonali, fosthom dawn kif ġej:

## *Steering Committee for Equality between Women and Men (CDEG)* tal-Kunsill tal-Ewropa

L-*iSteering Committee for Equality between Women and Men (CDEG)* huwa l-korp inter-governattiv li huwa responsabbli li jiddefinixxi, jistimula u jmexxi l-azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa sabiex tingħata promozzjoni lill-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dan il-Kumitat jaqa' direttament taħt il-Kumitat tal-Ministri minn fejn jingħata l-istruzzjonijiet u fejn il-Kumitat jgħaddi r-rapporti u l-proposti tiegħu. L-attivitajiet ewlenin tas-CDEG jinvolvu l-ħidma kontra t-traffikar tal-persuni għal skopijiet ta' esplojtazzjoni sesswali; il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; l-ugwaljanza u d-demokrazija: nisa fil-qasam politiku u dak tat-teħid tad-deċiżjonijiet; u l-ugwaljanza: kwistjoni komuni għan-nisa u l-irġiel. Il-membri tal-CDEG huma maħtura mill-Gvern ta' kull Stat Membru fi ħdan l-organizzazzjoni.

## *European Network of Equality Bodies (EQUINET)*

Ir-rwol tal-EQUINET huwa li jiżviluppa kooperazzjoni u jiffaċilita l-iskambju ta' ideat bejn il-korpi tal-ugwaljanza madwar l-Ewropa sabiex jappoġġja l-implimentazzjoni b'mod uniformi tal-liġi tal-UE dwar l-anti-diskriminazzjoni u jgħin ukoll sabiex titwitta t-triq tal-protezzjoni legali għall-vittmi ta' diskriminazzjoni. L-għan tal-EQUINET huwa li jgħin lill-Korpi tal-Ugwaljanza jwettqu l-mandat tagħhom billi jistabilixxi netwerk sostenibbli u bażi ta' riżorsi għall-iskambju ta' esperjenzi legali, strateġiji ta' infurzar, taħriġ u prattiċi tajba kif ukoll bħala qafas għad-djalogu mal-istituzzjonijiet Ewropej. F'Novembru 2011, l-NCPE innominat lil Ms. Therese Spiteri biex tkun fuq il-bord tal-EQUINET fejn ġiet eletta għal perjodu ta' sentejn.

## *EU Advisory Committee on Equal Opportunities between Women and Men*

Ir-rwol u l-ħatra ta' dan il-Kumitat joħroġ mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 82/43/EEC tal-1981. Il-mandat ta' dan il-Kumitat huwa li jgħin lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tifformola u timplimenta miżuri ħalli tippromwovi l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, tħeġġeġ skambju kontinwu ta' informazzjoni dwar esperjenzi u miżuri politiċi kif ukoll miżuri oħra li jkunu ttieħdu bejn l-iStati Membri u d-diversi partijiet involuti. Dan il-Kumitat mhux biss jgħaqqad flimkien rappreżentanti tal-korpi nazzjonali li jaħdmu fuq l-ugwaljanza u s-77 imsieħba soċjali, iżda wkoll isegwi u jagħti parir dwar l-iżvilupp ta' politika Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

## *High Level Group on Gender Mainstreaming of the EU*

Dan il-*High Level Group (HLG)* joffri pjattaforma importanti ħafna għad-diskussjoni u skambju ta' informazzjoni dwar l-aqwa prattiċi u esperjenzi sabiex jingħata appoġġ u titjieb is-sinerġija bejn il-miżuri politiċi nazzjonali dwar il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-istrateġiji għall-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju fuq livell nazzjonali. Dan il-*High Level Group* huwa wkoll l-organu ewlieni bir-responsabbiltà li jippjana l-kontinwazzjoni strateġika tal-Beijing Platform for Action, inkluż l-iżvilupp ta' indikaturi f'oqsma speċifiċi.

## *Informal Council Of Europe Network On Gender Mainstreaming*

Dan il-Kunsill Informali għandu l-għan li joħloq forum fejn darba f'sena speċjalisti fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi jiltaqgħu ma' esperti minn dixxiplini oħra sabiex jiddiskutu modi ħalli tingħata promozzjoni strateġika lill-attivitajiet tagħhom. Dawn il-laqgħat joffru opportunità tajba lill-iStati Membri sabiex isir skambju ta' prattiċi tajba u jiddiskuti modi kif jistgħu jingħelbu l-ostakli li jtellfu fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Wieħed mill-għanijiet huwa li tingħata spinta lill-iżvilupp ta' netwerks fuq livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali.

## Bord ta' Tmexxija tal-*European Institute of Gender Equality - EIGE*

L-organi ewlenin fi ħdan l-EIGE huma l-Bord ta' Tmexxija (kumitat li jieħu d-deċiżjonijiet) il-Forum tal-Esperti (korp konsultattiv) u d-Direttur (korp eżekuttiv) u l-ħaddiema. Il-Bord ta' Tmexxija jaddotta l-programm tax-xogħol annwali, il-programm tax-xogħol medium-term kif ukoll il-baġit tal-EIGE.

Dan il-Bord huwa magħmul minn tmintax-il rappreżentant mill-iStati Membri, li joperaw fuq bażi ta' rotazzjoni sabiex tkun żgurata rappreżentazzjoni sħiħa flimkien ma' effiċjenza operattiva. Membru wieħed ukoll huwa rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea u hemm ammont indaqs ta' membri sostituti.

Fil-preżent, l-NCPE għandha membru wieħed u sostitut li jalternaw min jipparteċipa fil-laqgħat.

> “ Dawn il-laqgħat joffru opportunità tajba lill-iStati Membri sabiex isir skambju ta' prattiċi tajba

## Kumitat Eżekuttiv Italja–Malta 2007-2013

Il-Programm Operattiv Italja-Malta 2007–2013 għandu l-iskop li jsaħħaħ il-kompetittività taż-żona bejn il-fruntieri permezz ta' qafas ta' ambjent sostenibbli. Iż-żoni eliġibbli jestendu fuq Malta u l-provinċji tal-kosta tal-Punent ta' Sqallija. L-iskopijiet ewlenin ġew identifikati kif ġej:

- ***Ass ta' Prijorita I:*** *Kompetittività: Riċerka u Innovazzjoni; Żvilupp Sostenibbli*
- ***Ass ta' Prijorita II:*** *Ambjent, Enerġija u l-Prevenzjoni ta' Riskji*
- ***Ass ta' Prijorita III:*** *Assistenza Teknika, Għarfien, Komunikazzjoni u Reklamar*

Dan il-programm jinkludi żewġ tipi ta' proġetti: Proġetti Ordinarji u Proġetti Strateġiċi. Dawk Ordinarji jinvolvu proposti preċiżi li huma marbuta b'mod koerenti ma' għan speċifiku ta' waħda mill-prijoritajiet tal-Programm Operattiv, filwaqt li dawk strateġiċi jinvolvu proposti ta' kobor konsiderevoli b'rabta mal-istrateġija tal-programm u li jħallu mpatt fuq selezzjoni ikbar taż-żona bejn il-fruntieri u l-proġetti huma intenzjonati li jistudjaw fil-fond problemi u/jew jevalwaw l-iżvilupp ta' oqsma partikolari li jistgħu jitqiesu bħala strateġiċi. Is-Sejħa għal Proġetti Strateġiċi tnediet fl-2011.

Wieħed mill-prinċipji ta' intervent tal-Programm huwa 'l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-non-diskriminazzjoni'. Bħala parti mill-Kumitat Eżekuttiv ta' dan il-Programm, l-NCPE tagħti r-rispons tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-parti dwar l-opportunitajiet indaqs fil-proposti tal-proġetti. Ir-rispons ikun dwar l-impatt fuq l-opportunitajiet indaqs proposti, fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jeliminaw ix-xkiel għall-inklużjoni kif ukoll l-aspett ta' ħolqien ta' għarfien dwar miżuri li jkunu se jittieħdu bħala parti mill-proġett li jkun qed jiġi evalwat. L-NCPE għandha wkoll sehem fil-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Programm.

# Bordijiet u Kumitati - Lokali

Fuq livell lokali, l-NCPE tat sehemha fil-Bordijiet u Kumitati kif ġej:

## Kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)

Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza ġiet innominata biex tieħu sehem fil-Kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Dan il-Kumitat jilqa' fih sittax-il rappreżentant mill-imsieħba soċjali u ekonomiċi, awtoritajiet pubbliċi lokali u korpi oħra li jirrappreżentaw lis-soċjetajiet ċivili u NGOs. Ix-xogħol ta' dan il-Kumitat jinkludi: il-valutazzjoni tal-kriterji tal-għażla għall-ħidmiet li se jkunu ffinanzjati matul il-programm; l-iskrutinju tar-riżultati tal-implimentazzjoni billi jissorvelja l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-miżuri rispettivi u progress fit-twettiq tal-miri tal-programm; jikkunsidra u japprova r-rapporti annwali tal-progress qabel ma' dawn jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni mill-Awtorità tal-Immaniġġjar; jipproponi xi tibdil u reviżjonijiet lill-Awtorita' tal-Immaniġġjar dwar il-Pjan skont il-bżonn sabiex jintlaħqu l-miri tal-EAFRD jew sabiex titjieb l-implimentazzjoni u/jew l-immaniġġjar finanzjarju tal-Pjan; kif ukoll jikkunsidra u jtejjeb kull proposta li ssir sabiex jiġi emendat il-kontenut tal-programm qabel ma jintbagħat lill-Kummissjoni.

## Kumitat tal-Fond Ewropew għas-Sajd

Il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) 2007-2013 jikkontribwixxi sabiex jitwettqu l-iskopijiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (CFP) li speċifikament tikkonsisti fil-garanzija tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar. L-EFF jiffoka fuq ħames (5) prijoritajiet: miżuri li jgħinu lill-Flotta tas-Sajd tal-UE; akwakultura; sajd f'ilmijiet interni; proċessar u kummerċ; azzjoni kolletiva; żvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd; u assistenza teknika. L-NCPE tagħti sehemha f'dan il-Kumitat billi tgħin fil-valutazzjoni tal-progress sabiex jintlaħqu l-miri tal-programm operattiv ta' Malta, tanalizza u tapprova l-kriterji ta' selezzjoni għall-ħidmiet iffinanzjati. L-irwol tal-NCPE huwa li tagħti rispons orizzontali dwar kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza.

# Kontribuzzjoni F'diversi Dokumenti

Matul is-sena 2011, l-NCPE kompliet tipparteċipa b'mod attiv f'bosta diskussjonijiet billi tagħti rispons u kontribut fi kwestjonarji fuq diversi suġġetti differenti b'rabta mat-trattament indaqs u d-diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni kompliet tagħti rispons għall-abbozz ta' konklużjonijiet ta' diversi Direttivi fuq livell Ewropew, bħal ngħidu aħna, il-"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali". Il-Kummissjoni tat ukoll rispons dwar partijiet li jitkellmu dwar it-trattament ugwali f'diversi abbozzi ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kemm mill-Presidenza kif ukoll minn istituzzjonijiet u entitajiet Ewropej oħra. Barra minn hekk, l-NCPE tat kontribut ukoll dwar dokumenti oħra hekk kif mitlub minn entitajiet lokali u internazzjonali dwar suġġetti differenti, dejjem marbuta mar-responsabbiltajiet tagħha. Is-suġġetti ewlenin li ġew indirizzati matul l-2011 jitrattaw il-qasam tal-ġeneru b'rabta mal-anzjanità' attiva, ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari, trattament indaqs fl-edukazzjoni, opportunitajiet indaqs f'miżuri politiċi dwar l-ambjent, il-qasam tal-ġeneru b'rabta mal-integrazzjoni tal-immigranti, l-isterjotipi fil-mezzi tal-komunikazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi f'livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, trattament indaqs ta' persuni irrispettivament mir-razza u l-oriġini etnika u r-rwol tal-irġiel f'dak li għandu x'jaqsam mal-ugwlajanza.

Barra minn dawn, l-NCPE tat ukoll il-kontribut tagħha għal opinjonijiet u programmi mfassla mill-istituzzjonijiet li jaħdmu direttament dwar l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni. Fost dawn kien hemm l-Istitut Ewropew dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri *(European Institute for Gender Equality)* (EIGE) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropeja dwar Drittijiet Fundamentali (FRA) *(European Union Agency for Fundamental Rights)*.

> " Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel għandu l-iskop li jelimina sterjotipi marbuta mal-ġeneru

Matul l-2011, l-NCPE tat rispons dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel għall-perjodu 2011 – 2020. Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (2011 – 2020) għandu l-iskop li: jelimina sterjotipi marbuta mal-ġeneru, jiżgura paga ndaqs għal xogħol tal-istess valur; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ndaqs tan-nisa f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, itejjeb l-għoti ta' servizzi ta' kura tat-tfal ta' kwalita' għolja u bi prezzijiet raġonevoli; il-promozzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibli; tisħiħ tal-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-protezzjoni tal-vittmi, u enfażi fuq ir-rwol tal-irġiel u s-subien sabiex tinqered il-vjolenza.

# Politika

Parti oħra mir-rwol tal-NCPE tinkludi li tikkumenta u tagħti suġġerimenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' politika nazzjonali. Il-Kummissjoni tat rispons għal diversi miżuri politiċi matul l-2011, fosthom id-Dokument ta' Qabel il-Baġit, ir-Riforma tal-Pensjonijiet, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali, il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali u l-politika dwar is-Saħħa Sesswali.

Fuq livell lokali, l-NCPE tipprovdi rispons u konsultazzjoni lill-kumpaniji privati u anke entitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet li jitolbu biex jiġu riveduti l-miżuri politiċi tagħhom mil-perspettiva tal-ugwaljanza. Kull dokument ta' politika jiġi analizzat u jiġu indirizzati u diskussi kwistjonijiet individwali flimkien mal-kumpanija/entita' rilevanti. Dan huwa proċess li matulu l-NCPE taħdem id f'id mal-entita'/kumpanija sabiex tiżgura li l-politika tindirizza dak li huma jeħtieġu.

NCPE tgħin ukoll waqt l-abbozz ta' dokumenti politiċi dwar l-ugwaljanza u l-fastidju sesswali minn organizzazzjonijiet u entitajiet biex din tkun tindirizza l-ħtiġijiet partikolari tal-organizzazzjoni. Wara l-NCPE toffri wkoll taħriġ lill-istaff u/jew lil min imexxi rigward il-miżuri politiċi ġodda.

# Reklamar Diskriminatorju

Matul is-sena 2011, l-NCPE intervjeniet f'76 każ ta' reklamar diskriminatorju. Filfatt sar kuntatt ma' aġenziji ta' reklamar/u pubblikaturi ta' dawn l-avviżi biex jiġu infurmati dwar il-ksur tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap 456) u wkoll Avviż Legali 85 tal-2007 – Ordni dwar Trattament Indaqs ta' Persuni. Fost dawn, kien hemm 64 każ li sar kuntatt magħhom minħabba reklamar li fil-mod kif inkiteb ir-reklam iddiskriminaw abbażi ta' sess filwaqt li ħdax ġew ikkuntattjati minħabba li ntużaw stampi bħala parti mir-reklam li ma kinux jagħtu idea ta' bilanċ bejn is-sessi. Matul is-sena kien hemm ukoll każ wieħed ta' reklamar li ddiskrimina abbażi ta' razza/oriġini etnika. Dawn ir-reklami kienu marbuta ma' opportunitajiet ta' xogħol u ta' edukazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ugwaljanza bejn is-sessi filwaqt li fil-każ ta' razza, dan kien marbut mal-għoti u l-aċċess ta' servizzi u oġġetti. Dawn ġew ippublikati fil-gazzetti lokali, rivisti u anke f'websites.

L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Kap 456) jipprovdi li ebda reklam marbut ma' opportunità ta' xogħol, taħriġ jew gwida vokazzjonali, kif ukoll fl-għoti ta' servizzi finanzjarji m'għandu jkun diskriminatorju. Għaldaqstant importanti ħafna li l-avviżi li jiġu ppublikati fil-gazzetti u media oħra jużaw lingwaġġ inklussiv għaż-żewġ sessi u bl-ebda mod ma jagħtu indikazzjoni li l-parteċipazzjoni jew tan-nisa jew tal-irġiel tista' tiġi eskluża mill-impjieg, taħriġ jew servizz irreklamat.

Għaldaqstant, jekk it-titlu tal-post reklamat jindika biss jew is-sess maskil jew dak femminil, per eżempju, Jinħtieġ xufier, il-qarrejja jistgħu jifhmu li din il-pożizzjoni m'hix għan-nisa, għalhekk tiġi qed tiddiskrimina kontra persuni tas-sess femminili. Għalhekk importanti li titli, nomini, eċċ jkunu inklussivi u/jew newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mas-sess tal-persuna. Għaldaqstant fl-eżempju msemmi, l-avviż għandu jinbidel għal per eżempju: Jinħtieġu Xufiera. Tabella 1 turi xi eżempju ta' titli li jintużaw spiss għal reklami ta' opportunitajiet ta' xogħol u li m'għandhomx jintużaw flimkien ma' mod alternattiv kif jista' jiġi użat titlu iżjed inklussiv.

**Eżempji ta' titli għal xogħolijiet li jidhru f'reklami**

| Evita li tuża | Uża titli inklussivi |
|---|---|
| Barman | Bar attendant / Bar staff |
| Draughtsman | Draughts Person |
| Foreman | Foreperson |
| Handyman | Handyperson |
| Watchman | Security Guard |

*Tabella 1: Eżempji ta' titli għal reklami għal opportunitajiet ta' xogħol*

Fil-kliem tar-reklam, l-aħjar li ma jintużawx pronomi ġeneriċi bħal 'hu' jew 'hi' u ma jintużax il-maskil biex jirreferi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Tabella Numru 2 tagħti eżempji ta' reklami bi kliem li m'għandux jintuża u kif dan il-kliem jista' jiġi rranġat biex ikun iżjed inklussiv.

| Evita li tuża | Uża titli inklussivi |
|---|---|
| *Neħtieġu couriers nisa sabiex jieħdu ħsieb il-klijenti barranin tagħna.* | *Neħtieġu couriers sabiex jieħdu ħsieb il-klijenti barranin tagħna.* |
| *... Il-persuna li qed infittxu għandha tkun entużjasta għas-sajd. Hu għandu jkun organizzat u kapaċi jaħdem fuq inizjattiva tiegħu nnifsu.* | *... Il-persuni li qed infittxu għandhom ikunu entużjasti tas-sajd. Kandidati prospettivi għandhom ikunu organizzati u kapaċi jaħdmu fuq inizjattiva tagħhom infushom.* |

*Tabella 2: Eżempji ta' kliem fir-reklami*

L-istampi u l-illustrazzjonijiet użati fir-reklami, speċjalment jekk juru immaġni u illustrazzjonijiet ta' nies, dawn għandhom jirrappreżentaw liż-żewġ sessi. Per eżempju, reklam għal xufiera li juri ritratt ta' raġel jista' jiġi interpretat bħala li l-opportunità hija miftuħa biss għal kandidati rġiel, hemm x'hemm miktub fil-kliem tar-reklam.

Bl-istess mod, b'rabta mar-reklamar, Avviż Legali tal-2007, Ordni dwar Trattament Indaqs ta' Persuni jgħid li huwa illegali li tippublika jew turi reklami li jippromwovu d-diskriminazzjoni abbażi ta' razza jew oriġini etnika fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali (li jinkludu sigurtà soċjali u saħħa); vantaġġi soċjali; edukazzjoni u aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż l-akkomodazzjoni. Huwa illegali per eżempju li tippubblika avviż dwar l-għoti ta' servizzi bi kliem bħal 'Minoranzi Afrikani mhumiex permessi'.

Kull min jinnota dan it-tip ta' reklamar diskriminatorju fuq il-media lokali, jista' jinforma l-NCPE billi jċempel fuq 2590 3950, jew tintbagħat *email* fuq equality@gov.mt jew billi timtela l-General *Contact Form* fuq www.equality.gov.mt

# Taħriġ

Matul l-2011, it-taħriġ li ingħata mill-NCPE kien jammonta għal iżjed minn 100 siegħa taħriġ lil iżjed minn 700 individwu ġejjin minn bosta gruppi u organizzazzjonijiet, settur pubbliku kif ukoll kumpaniji privati. Kull sessjoni ta' taħriġ kienet addattata skont il-ħtiġijiet tal-grupp speċifiku u kien hemm varjazzjonijiet ta' żmien u struttura dejjem skont il-bżonnijiet tal-parteċipanti. Is-sessjonijiet ta' taħriġ li saru fl-2011 kienu dwar l-ugwaljanza in ġenerali, il-fastidju sesswali, l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, l-isterjotipi, l-ugwaljanza fil-klassi, kwistjonijiet tal-ugwaljanza għall-pulizija, l-ugwaljanza fil-kitba tal-proġetti, l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol – kwistjonijiet maniġerjali, l-ugwaljanza fil-kura tat-tfal, razziżmu u ksenofobija.

Eżempju ta' sessjoni ta' taħriġ tipika dwar il-mandat tal-NCPE u l-ugwaljanza tinkludi, fost l-oħrajn:

- *Ħarsa ġenerali lejn l-NCPE u r-responsabbiltajiet tagħha*
- *Il-liġijiet relevanti*
- *Is-sitt oqsma li fuqhom issir diskriminazzjoni*
- *Fejn qegħdin il-kwistjonijiet ta' ugwaljanza?*
- *Każistika / Studju ta' każijiet*
- *Il-proċedura biex persuna tressaq ilment u eżempji ta' każijiet*
- *It-triq 'il quddiem*

Permezz tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza, matul l-2011, 50 persuna ingħataw taħriġ matul 11-il sessjoni ta' taħriġ. Dawn is-sessjonijiet kienu jinkludu:

- *Introduzzjoni dwar l-NCPE*
- *Informazzjoni dwar l-ugwaljanza*
- *Informazzjoni dwar il-proġett*
- *Informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni*
- *Mistoqsijiet dwar l-ugwaljanza minn kumpaniji individwali*

Jekk l-organizzazzjoni tiegħek teħtieġ xi taħriġ, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-NCPE sabiex tiddiskuti l-bżonnijiet tal-organizzazzjonijiet tiegħek f'dak li għandu x'jaqsam ma' taħriġ.

# Riżorsi fil-Librerija u ċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni tal-NCPE

Matul l-2011, l-NCPE kompliet tkabbar ir-riżorsi fil-librerija tagħha permezz tal-akkwist ta' kotba ġodda u pubblikazzjonijiet biex b'hekk in-numru totali ta' publikazzjonijiet huwa ta' iżjed minn 6,600.

Il-librerija li tinsab fl-uffiċċju tal-NCPE f'Blata l-Bajda tinkludi fiha firxa wiesgħa ta' kotba, ġurnali u rivisti li jistgħu jintużaw għall-skopijiet ta' riċerka mill-pubbliku. Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi disponibbli huma marbuta ma' temi li għandhom x 'jaqsmu mal-ugwaljanza bħall-ġeneru u l-impjieg, ġeneru u razza fl-edukazzjoni, politika, media, saħħa, reliġjon, kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea u fastidju sesswali fost l-oħrajn.

Fil-librerija tal-Kummissjoni hemm ukoll pubblikazzjonijiet li mhumhiex marbuta mar-responsabbiltajiet tal-NCPE b'mod dirett, fosthom pubblikazzjonijiet dwar il-kura tat-tfal, l-orjentazzjoni sesswali, diżabilita' u l-anzjani.

Fil-librerija hemm ukoll database ta' artikli li dehru lokalment li huma marbuta mal-ugwaljanza u s-sitt oqsma li fuqhom issir diskriminazzjoni. Dan l-arkivju jservi kemm bħala għodda għall-istaff tal-NCPE biex jużawh fit-twettiq tax-xogħol tagħhom kif ukoll għall-membri tal-pubbliku li jistgħu jkunu interessati f'informazzjoni lokali.

Kull min huwa interessat li jiġi fil-librerija u juża r-riżorsi disponibbli huwa mitlub li jagħmel appuntament billi jċempel fuq 2590 3850 jew jibgħat email fuq equality@gov.mt

# L-Użu tal-Internet

L-internet, bil-possibiltajiet kbar li fih li jwassal informazzjoni b'modi kreattivi u malajr, sar parti integrali mill-komunikazzjoni bejn l-NCPE u l-pubbliku kemm fuq bażi lokali kif ukoll internazzjonali.

Matul l-2011, l-NCPE bidlet is-sit elettroniku u kompliet taġġornah sabiex ikun iżjed jinftiehem u faċli biex jiġi użat mill-pubbliku. Is-sit elettroniku tal-NCPE – www.equality.gov.mt – issa jikkonsisti f'bosta sezzjonijiet, fosthom l-aħħar aħbarijiet u attivitajiet tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-pubbliku, min iħaddem u dawk li jipprovdu servizz kif ukoll informazzjoni dwar il-proċedura ta' kif persuna tista' tippreżenta lment lill-NCPE. Barra minn hekk, hemm sezzjoni sħiħa dwar il-proġetti kollha ko-finanzjati mill-UE li twettqu mill-NCPE li fihom jinkludu wkoll id-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet kollha li jistgħu jitniżżlu mis-sit. Barra minn hekk, is-sit tal-internet tal-NCPE fih ukoll sezzjoni dwar l-Att dwar il-Liberta' tal-Informazzjoni.

Fl-2011, l-NCPE bdiet ukoll tuża n-network soċjali, *Facebook*, bl-għan li tilħaq firxa ikbar ta' persuni u xxerred iktar informazzjoni dwar id-diversi inizzjattivi u attivitajiet li jsiru. Persuna tista' tidħol fil-paġna ta' *Facebook* tal-NCPE permezz ta' link diretta li hemm fis-sit elettroniku tal-NCPE jew inkella billi fil-kaxxa tas-'*Search*' ta' *Facebook* jinkiteb il-kliem '*National Commission for the Promotion of Equality*'. Il-qarrejja ta' dan ir-rapport huma mħeġġa sabiex jingħaqdu mal-paġna ta' Facebook tal-NCPE sabiex ikunu dejjem aġġornati dwar ix-xogħol u l-attivitajiet tal-NCPE.

# Talbiet għall-Informazzjoni

Matul l-2011, l-NCPE rċeviet numru ta' talbiet għall-informazzjoni. Hawn taħt hawn lista ta' allegati każi ta' diskriminazzjoni li ġiet infurmata bihom l-NCPE mill-pubbliku u minn entitajiet kif ukoll xi mistoqsijiet dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza u wkoll dwar sitwazzjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu diskriminatorji:

**Miżuri favur il-Familja**

- *Informazzjoni dwar drittijiet u miżuri favur il-familja*

### Fuq il-post tax-xogħol

- *Kundizzjonijiet ta' xogħol*
- *Kjarifiki minn min iħaddem dwar jekk miżuri politiċi implimentati humiex diskriminatorji*
- *Trattament ingust fuq il-post tax-xogħol.*
- *Allegat fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol*
- *Taħriġ dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol*
- *Allegata diskriminazzjoni abbażi ta' sess fl-aċċess għall-impjieg*

### Informazzjoni dwar liġijiet u linji-gwida

- *Informazzjoni dwar l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa*
- *Linji-gwida dwar l-implimentazzjoni ta' politika dwar l-ugwaljanza*
- *Linji-gwida dwar l-implimentazzjoni ta' politika dwar il-fastidju sesswali*
- *Informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza f'Malta*
- *Informazzjoni dwar diskriminazzjoni fir-reklamar*

### Razza/Oriġini Etnika

- *Informazzjoni dwar każijiet li kellna marbuta ma' razza*
- *Aċċess għall-akkomodazzjoni u diskriminazzjoni abbażi ta' razza*

### Edukazzjoni

- *Informazzjoni dwar kwoti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi*
- *Użu tal-librerija*

Saru wkoll talbiet għall-informazzjoni rigward suġġetti li ma jaqgħux direttament taħt ir-responsabbiltajiet tal-NCPE. Kull meta jkun possibli, dawn it-talbiet jiġu referuti lil entitajiet oħra fejn dawn it-talbiet jistgħu jingħataw tweġiba sabiex il-pubbliku dejjem jinqeda bl-aħjar mod possibli. Talbiet ta' dan it-tip li daħlu matul l-2011 jinkludu:

- *Allegata diskriminazzjoni abbażi tal-età*
- *Allegata diskriminazzjoni li għaddew minnha immigranti fil-qasam tax-xogħol*
- *Allegata diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjiegi minħabba n-nazzjonalità*
- *Mistoqsijiet dwar xogħol*
- *Allegata diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità fl-aċċess għal oġġetti u servizzi*

Għad li l-NCPE twieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulha permezz tat-telefon, il-Kummissjoni tħeġġeġ lil dak li jkun sabiex jibgħat it-talba tiegħu bil-miktub ħalli jkun żgurat li tinftiehem sew u b'hekk tipprovdi rispons ċar u effiċjenti. It-talbiet għall-informazzjoni huma importanti ħafna għall-NCPE minħabba li huma l-bażi li fuqha jiġu identifikati suġġetti li fuqhom tinħass il-ħtieġa li ssir iżjed investigazzjoni għall-aħjar interess tal-pubbliku.

Talba għall-informazzjoni dwar suġġetti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tal-NCPE tista' ssir billi tintbagħat *email* fuq equality@gov.mt jew billi jsir kuntatt mal-Kummissjoni bit-telefon fuq: +356 25903850.

# L-Ilmenti

L-investigazzjoni tal-ilmenti hija parti importanti ħafna mix-xogħol tal-Kummissajru. L-ilmenti li jidħlu l-NCPE jitmexxew mis-Sezzjoni li tieħu ħsieb l-ilmenti. Għaldaqstant, ir-responsabbilta' ta' dan l-uffiċċju hija li jiġu pproċessati l-ilmenti kif ukoll li tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa matul il-proċess tal-investigazzjoni.

Qabel ma jitressaq ilment uffiċċjali mal-NCPE, jista' jintalab appuntament ma' xi ħadd mill-uffiċjali li jieħdu ħsieb l-ilmenti, li għandhom id-dmir li jgħinu lil min qed jilmenta billi jwieġbu għall-mistoqsijiet li din il-persuna jista' jkollha b'rabta mal-ilment li qed tressaq, u waqt din il-laqgħa jispjegaw ukoll il-proċedura li timxi fuqha l-NCPE f'dan ir-rigward.

Minbarra li tilqa' u tinvestiga l-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tagħha, il-Kummissarju tista' wkoll tmexxi lmenti dwar kull qasam li jkun allegatament illegali li jaqa' taħt il-mandat li għandha. Barra minn hekk, il-Kummissarju tista' tibda l-investigazzjonijiet anke dwar nuqqas ta' azzjoni jew xi nuqqas ieħor li jista' jkun allegatament illegali. L-ilmenti huma importanti ferm għall-NCPE għax il-kwistjonijiet li joħorġu mill-ilmenti jgħinu lill-Kummissjoni sabiex tkompli tidentifika l-ostakli eżistenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ugwaljanza li fil-preżent is-soċjeta' tħabbat wiċċha magħhom.

Din hi lista ta' lmenti li tressqu quddiem l-NCPE matul l-2011:

> “ **Qabel ma jitressaq ilment uffiċċjali mal-NCPE, jista' jintalab appuntament ma' xi ħadd mill-uffiċjali li jieħdu ħsieb l-ilmenti**

## Diskriminazzjoni sesswali fl-impjieg:

- *Allegazzjoni dwar diskriminazzjoni fil-formoli ta' applikazzjoni;*
- *Allegat fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol;*
- *Allegazzjoni dwar tkeċċija mix-xogħol minħabba tqala.*

## Diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-għoti ta' oġġetti u servizzi:

- *Allegazzjonijiet dwar diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-għoti ta' u aċċess għal akkomodazzjoni;*
- *Razziżmu u diskriminazzjoni fl-aċċess ġewwa night clubs.*

**Ilmenti li tressqu quddiem l-NCPE matul l-2011**

| Tip ta' diskriminazzjoni | Raġel | Mara | Fuq inizjattiva tal-NCPE | Settur Pubbliku | Settur Privat | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Allegazzjonijiet dwar diskriminazzjoni sesswali fl-impjieg / taħriġ* | *1* | *5* | - | - | *6* | *6* |
| *Allegazzjonijiet dwar diskriminazzjoni sesswali fl-aċċess għal u l-għoti ta' oġġetti u servizzi* | - | *4* | - | *4* | - | *4* |
| *Allegazzjonijiet dwar diskriminazzjoni razzjali fl-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi* | *4* | - | *1* | - | *4* | *4* |
| *Ilmenti li ġew riferuti lejn entitajiet oħra rilevanti / ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltajiet tal-NCPE* | - | *2* | - | - | - | *2* |

*Tabella 3: Ilmenti li l-NCPE rċeviet fl-2011*

## Proċedura dwar kif jitressaq Ilment

### Formola biex persuna tressaq Ilment

Hekk kif elenkat f'Kapitlu 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, l-ilmenti li jitressqu biex jiġu investigati mill-NCPE għandhom ikunu bil-miktub. Il-Formoli bex persuna tressaq ilment jistgħu jitniżżlu kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti minn fuq is-sit elettroniku tal-NCPE, www.equality.gov.mt, jistgħu jintbagħtu lil min jitlobhom permezz ta' email jew bil-posta, jistgħu jintalbu permezz tat-telefon, jew jinġabru mill-uffiċċju tal-NCPE. F'din il-formola l-persuna li qed tressaq l-ilment hija mitluba li tagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa marbuta mal-ilment li qed jinkiteb.

F'każ li min qed jilmenta jkun jeħtieġ xi għajnuna sabiex jimla l-formola, membru mis-Sezzjoni tal-Ilmenti jipprovdi din l-għajnuna. F'każ li min qed jilmenta ma jafx jikteb u jaqra, hu/hi j/tingħata l-għajnuna meħtieġa, tinqara l-formola u timtela f'ismu/isimha. Kull min iressaq ilment huwa mħeġġeġ li jippreżenta l-provi ta' dak li qed jinkiteb fl-ilment.

### Investigazzjonijiet

Hekk kif tasal formola b'ilment mimlija b'kollox, din titressaq quddiem il-Kummissarju li tiżgura li dan l-ilment fil-fatt jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet tal-NCPE sabiex imbagħad tibda l-investigazzjoni hekk kif mitlub f'Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa. Tintbagħat notifika li l-ilment wasal għand il-Kummissjoni fi żmien ġurnata ta' xogħol minn meta dan jasal.

Skont kif jipprovdi Artiklu 5 tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, jintalab rapport mingħand min iħaddem jew min qed joffri s-servizz li fih tingħata l-verżjoni tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilment li qed isir.

L-NCPE tassigura l-kunfidenzjalita' matul il-proċess tal-investigazzjoni. Skont artiklu 18 (5) tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, l-informazzjoni kollha miġbura waqt l-investigazzjoni għandha tkun kunfidenzjali u tista' tingħata biss 'il qorti waqt proċess ta' prosekuzzjoni jew azzjoni ta' rimedju.

Hekk kif tinġabar l-informazzjoni meħtieġa, l-Kummissarju tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk l-ilment jurix imġieba jew prattiċi diskriminatorji jew le. F'każ li l-Kummissarju tistabbilixxi li tkun seħħet fil-fatt diskriminazzjoni, il-partijiet involuti fis-sitwazzjoni jistgħu jintalbu biex jinstab rimedju kif ukoll biex jikkunsidraw proposti għal azzjoni li toffri rimedju.

Barra minn dan, jekk il-Kummissarju tistabbilixxi li l-ilment li sar jammonta wkoll għal offiża kriminali, jingħata rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija biex dan jieħu l-azzjoni meħtieġa.

# Proġetti

## VS/2010/0819: L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika

L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika huwa proġett ko-finanzjat mill-PROGRESS li fil-preżent qed jiġi implimentat mill-NCPE u se jiġi fi tmiemu fl-aħħar ta' Ġunju 2012. L-attivitajiet fi ħdan dan il-proġett għandhom diversi għanijiet, fosthom li jistabbilixxi network ta' persuni fi ħdan il-ministeri li għandhom is-setgħa li jimplimentaw miżuri effettivi tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll li joħolqu network għall-membri biex jappoġġjaw lil xulxin f'din il-ħidma.



*Konferenza Konġunta u Simpożju fuq Prattiċi Tajbin, 26 ta' Lulju 2011 (L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika)*

L-għanijiet ewlenin tal-proġett huma li jisaħħu l-għarfien u l-impenn lejn il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-produzzjoni u t-tqassim ta' għodda li tgħin fl-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; l-għoti ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jwassal għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod effettiv; jiġu enfasizzati prattiċi tajba bl-għan li jiżdied l-għarfien dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jingħataw eżempji ta' miżuri ta' politika nazzjonali li jħaddnu l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; iħeġġeġ lill-partijiet interessati biex jipproponu azzjoni li hija sensittiva għall-kwistjonijiet tal-ġeneru; u li jinħoloq qafas ta' appoġġ f'dan il-qasam.



*Membri tal-istaff tal-NCPE u Team ta' Konsulenza ma' Sra. Catharina Alpkvist waqt Train the Trainer Workshop. 18 u 19 ta' Ottubru 2011 (L-Integrazzjoni tal- Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika)*

Dan il-proġett tnieda permezz ta' dikjarazzjoni konġunta mal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Impieg u l-Familja. Din id-dikjarazzjoni konġunta seħħet fis-26 ta' Lulju 2011 waqt Simpożju dwar Prattiċi tajba dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. F'din l-attivita' taw kontribut diversi kelliema kemm mill-ambitu lokali kif ukoll mill-UE li lkoll taw preżentazzjonijiet dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, pjanijiet ta' finanzjar skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-ġeneri, kif ukoll prattiċi tajba fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. L-għażla tal-kelliema barranin saret wara li ħarġet Sejħa għal Kelliema fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2011. Sinead Pentony ippreżentat diskussjoni dwar l-ippjanar finanzjarju skont il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-ġeneri u l-impatt ta' dan fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, hekk kif ġiet analizzata mit-TASC (*Think Tank for Action on Social Change*) mill-Irlanda. Min-naħa l-oħra, Friedel Schreyögg ippreżentat diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proġett tal-UE bl-isem ta' '*Gender Alp!*'. F'dan is-simpożju ipparteċipaw impjegati tas-Servizz Pubbliku u diversi partijiet interessati li taw il-kontribut tagħhom f'diskussjonijiet li saru riżultat ta' dawn il-preżentazzjonijiet.

Grupp ta' Konsultazzjoni, – magħmul minn esperti fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u membri tal-istaff tal-NCPE – twaqqaf sabiex jipprovdi konsulenza, għajnuna u taħriġ lill-impjegati pubbliċi. F'dan il-proġett ġiet maħtura wkoll esperta esterna, Catharina Alpkvist mill-iSvezja, bħala konsulenta, li tat taħriġ lill-Grupp ta' Konsultazzjoni (u 'l iStaff tal-NCPE) permezz ta' *Train the Trainer Workshop* li sar fuq jumejn f'Ottubru. L-għan ta' dan it-taħriġ kien li jiżgura li l-parteċipanti jkabbru l-abbiltajiet tagħhom u jkunu kapaċi jagħtu pariri u taħriġ lill-impjegati pubbliċi u lill-partijiet interessati permezz ta' attivitajiet anke lil hinn minn dan il-proġett.

Bħala parti minn dan il-proġett, saru żewġ Mapping Studies. L-ewwel wieħed sar mal-impjegati tas-Servizz Pubbliku f'livelli differenti fil-Ministeri kif ukoll mal-membri tal-kumitati tal-ugwaljanza. F'dan l-istudju saret analiżi tal-istrutturi, il-proċessi u l-proċeduri li huma segwiti mill-impjegati pubbliċi sabiex jiġu identifikati ħtiġijiet għall-miżuri politiċi, kif ukoll tal-proċess ta' tfassil, l-abbozzar u l-approvazzjoni ta' dawn l-istess miżuri. Dan l-istudju staqsa wkoll jekk u sa liema livell hija meqjusa l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tfassil tal-miżuri politiċi; kif ukoll identifika punti tajbin u nuqqasijiet fl-istrateġiji, proċessi u proċeduri li huma segwiti bħalissa. Dan l-istudju se jintuża sabiex jitressqu rakkomandazzjonijiet dwar kif l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tiġi inkluża fl-istrutturi nazzjonali.

It-tieni mapping study iffoka fuq partijiet interessati li jaħdmu ma' persuni affettwati minn miżuri politiċi, inkluż imsieħba soċjali, għaqdiet mhux governattivi u professjonisti. L-għan ewlieni ta' dan l-istudju kien li janalizza l-influwenza li jagħmlu l-partijiet interessati fuq min jippjana miżuri politiċi u anke jidentifika kif din l-influwenza tista' tiġi żviluppata iktar; jidentifika miżuri politiċi li l-partijiet interessati jaraw li huma ta' żvantaġġ għal gruppi li diġa' huma żvantaġġati; jidentifika l-ħtiġijiet li għandhom ikunu indirizzati minn miżuri politiċi; jidentifika mezzi differenti ta' kif għandha tinġabar l-informazzjoni u jekk din l-informazzjoni fil-fatt tinġabarx minn dawn il-partijiet interessati b'mod li tkun segregata skont il-ġeneru; u wkoll li janalizza l-effetti ta' dawn il-miżuri politiċi fuq gruppi żvantaġġati.

> **“ Dan l-istudju janalizza l-effetti ta' dawn il-miżuri politiċi fuq gruppi żvantaġġati**

Qed jiġu organizzati serje ta' laqgħat bilaterali mal-Ministeri kollha sabiex ikun stabbilit qafas ta' komunikazzjoni bejn il-Grupp ta' Konsultazzjoni, l-NCPE u dawk li jfasslu l-miżuri politiċi. Matul l-ewwel grupp ta' laqgħat bilaterali, l-NCPE u l-Grupp ta' Konsultazzjoni ltaqgħu mas-Segretarji Permanenti – jew ir-rappreżentanti tagħhom – fi ħdan kull Ministeru. Tul dawn il-laqgħat ġie diskuss kif il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jista' jiġi integrat fil-miżuri politiċi u f'inizjattivi oħra li jsiru mill-Gvern. Ġew diskussi wkoll it-tip ta' taħriġ u għodda li se jingħataw lill-impjegati pubbliċi u lill-partijiet interessati bħala parti minn dan il-proġett. Saret ukoll diskussjoni fejn ġew identifikati miżuri politiċi li se ssir valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-ġeneri (*Gender Impact Assessment*) bħala parti minn dan il-proġett.

L-għodda li qed tiġi żviluppata bħala parti mill-proġett 'L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – fil-Prattika' tinkludi: *Factsheet* dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; Gwida pass pass dwar il-valutazzjoni tal-impatt ta' policies fuq il-ġeneru, Checklist dwar il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri tal-Gvern fuq il-ġeneru, u checklist dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi proġetti infrastrutturali..

## VS/2010/0569: Naħsbu b'Mod Ugwali

'Naħsbu b'Mod Ugwali' huwa proġett ko-finanzjat mill-PROGRESS li ġie implimentat mill-NCPE matul is-sena 2011. L-iskopijiet ewlenin ta' dan il-proġett kienu li jinħoloq dibattitu kif ukoll jissaħħaħ l-għarfien dwar l-ugwaljanza, in-non-diskriminazzjoni, id-diversita' u d-diskriminazzjoni multipla. Barra minn hekk, dan il-proġett kellu wkoll l-iskop li jxerred għarfien dwar prattiċi tajba, jissensibilizza u jħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jgħixu d-diversita'. Minn barra dan, permezz ta' dan il-proġett inksibet informazzjoni, b'riżultat ta' studji li saru, li fuqha tista' titfassal leġislazzjoni, miżuri, politiċi u azzjoni oħra. Dan il-proġett ġie varat fit-12 t'April 2011.



*Konferenza ta' Tnedija 12 ta' April 2011 (Naħsbu b'Mod Ugwali)*



*Roving Exhibition ta' Arti u Fotografija (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Simpożju dwar id-Diskiriminazzjoni Multipla (Is- Sur Niall Crowley – Moderatur u Konsulent Barrani ta' 'Naħsbu b'Mod Ugwali' / Dr. Romina Bartolo – Direttur Eżekuttiv NCPE/ Is- Sra Maud Muscat – Kummissarju tal-NCPE) – 1 ta' Novembru 2011 (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Simpożju dwar id-Diskiriminazzjoni Multipla (Onor. Clyde Puli/ Is- Sra Maud Muscat/ Is-Sur Niall Crowley) – 1 ta' Novembru 2011 (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Membri tal-iStaff tal-NCPE waqt il-Kunċert li ċċelebra d-diversita' permezz tal-Mużika – 25 ta' Novembru 2011 – Bay Street Artisan Market (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Il-Kunċert li jiċċelebra d-diversita' permezz tal-Mużika – Sixth Simfoni, Dana McKeon u Underground Shadows - 25 ta' Novembru 2011 – Bay Street Artisan Market (Naħsbu b'Mod Ugwali).*




*Il-Kunċert li jiċċelebra d-diversita' permezz tal-Mużika – Jacksons pipe (Grupp Folkloristiku Malti) - 25 ta' Novembru 2011 – Bay Street Artisan Market (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Il-Kunċert li jiċċelebra d-diversita' permezz tal-Mużika – Kremangaro (Mużika Tribali Afrikana) - 25 ta' Novembru 2011 – Bay Street Artisan Market (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Il-Kunċert li jiċċelebra d-diversita' permezz tal-Mużika – Iskay (Grupp Peruvjan) - 25 ta' Novembru 2011 – Bay Street Artisan Market (Naħsbu b'Mod Ugwali).*



*Konferenza Finali – 14 ta' Diċembru 2011 (Naħsbu b'Mod Ugwali)*

## Żgħażagħ

Għal dan il-proġett iż-żgħażagħ ġew identifikati bħala wieħed mill-gruppi fil-mira tal-għanijiet ta' dan il-proġett. Għaldaqstant bosta attivitajiet ta' dan il-proġett kienu indirizzati għalihom.

Is-Seminar għaż-Żgħażagħ, li sar fit-8 t'Ottubru 2011, ġabar flimkien żgħażagħ, persuni li sofrew diskriminazzjoni kif ukoll esperti li jaħdmu fl-oqsma ta' razza, sess u oqsma kulturali differenti, li tkellmu dwar każijiet lokali ta' diskriminazzjoni, il-kawżi u l-konsegwenzi tal-esperjenzi tagħhom. Intwerew diversi filmati ta' individwi (miġbuda lokalment) jitkellmu dwar diskriminazzjoni u l-esperjenzi tagħhom. Dawn il-filmati stimulaw iżjed diskussjoni fost iż-żgħażagħ.

"Nistgħu inħossu dak li jħossu ż-żgħażagħ li jiġu diskriminati" saħaq wieħed mill-parteċipanti, filwaqt li ieħor qal "Iż-żgħażagħ għandu jkollhom iżjed responsabbilta'; u jkollhom iżjed għarfien fuq kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni u ugwaljanza...". Dawn kienu xi opinjonijiet li esprimew xi żgħażagħ waqt is-Seminar għaż-Żgħażagħ waqt li kien qed jiġi diskuss futur li huwa ħieles mid-diskriminazzjoni u b'impenn sħiħ lejn l-ugwaljanza għal kulħadd.

Iż-żgħażagħ huma differenti? Iż-żgħażagħ huma sterjotipati? Iż-żgħażagħ jgħaddu minn diskriminazzjoni minħabba l-eta' tagħhom? Dawn kienu uħud mill-mistoqsijiet li Niall Crowley, li mexxa dan is-Seminar għaż-Żgħażagħ, staqsa liż-żgħażagħ li mbagħad ġew diskussi madwar mejda. Crowley, li huwa wkoll konsulent barrani tal-Proġett 'Naħsbu b'Mod Ugwali', spjega, fl-introduzzjoni tiegħu kif hemm tendenza fost iż-żgħażagħ li jaraw lilhom infushom bħala grupp differenti mill-gruppi l-oħra fi ħdan is-soċjeta'; kif l-eta' għandha impatt fuq l-aspettattivi u l-ġudizzji tagħhom, u kif l-isterjotipi jwasslu għal diskriminazzjoni.

Iż-żgħażagħ sostnew kif persuni li jgħaddu minn diskriminazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal bidla fil-mentalita' u jippromwovu kultura li tħaddan il-prinċipju tal-ugwaljanza billi joħolqu iżjed għarfien dwar id-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha.

Waqt parti mid-diskussjoni dwar x'jista' jsir sabiex is-soċjeta' turi iżjed impenn favur l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni, iż-żgħażagħ issuġġerew li minn meta jkunu żgħar, it-tfal għandhom ikunu iżjed esposti għal dawn il-kwistjonijiet billi dawk li jgħallmuhom joħolqu kuxjenza dwar trattament indaqs. Issemmiet ukoll ripetutament il-media bħala mezz li permezz tiegħu l-pubbliku għandu jkun infurmat dwar dawn il-każijiet ta' diskriminazzjoni kif ukoll dwar x'jista' jsir.

Il-Kompetizzjonijiet u l-Wirja dwar l-Arti u l-Fotografija kienu immirati għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

> “ **Il-kunċert Diversita' Permezz tal-Mużika, li sar fl-Artisan Market, Bay Street, ġabar flimkien mużiċisti u kantanti minn ambjenti differenti**

il-pubbliku ġenerali (speċjalment studenti tal-Arti) u fotografi ingħataw l-opportunita' li jipproduċu xogħlijiet artistiċi li jesprimu l-kunċetti tal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni. Din il-kompetizzjoni flimkien mal-wirja saru bl-iskop li jistimulaw u jħeġġu espressjoni u riflessjoni dwar l-oqsma tal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni – u diskriminazzjoni f'kuntest lokali – għaldaqstant titlob proċess ta' ħsieb intern li jintwera permezz ta' media artistiċi lill-pubbliku.

Is-sottomissjonijiet tal-pittura u l-fotografija intwerew permezz ta' wirja li daret f'diversi lokalitajiet. Din il-wirja kellha l-għan li toħloq provokazzjoni għall-pubbliku billi tesponi sitwazzjonijiet reali li nqabdu f'ritratti u f'xogħolijiet artistiċi. Intagħżlu wkoll uħud mis-sottomissjonijiet biex jagħmlu parti minn kalendarju. Minbarra f'Notte Bianca u fil-Konferenza Finali, din il-wirja ittieħdet f'għaxar skejjel post-sekondarji. Il-pubbliku ġenerali flimkien ma' grupp ta' esperti evalwaw u ppremjaw is-sottomissjonijiet (50% tal-punti kull wieħed). Il-premjijiet għar-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni ġew ippreżentati waqt il-kunċert – Diversita' Permezz tal-Mużika li sar fil-25 ta' Novembru 2011.

Il-kunċert Diversita' Permezz tal-Mużika, li sar fl-Artisan Market, Bay Street, ġabar flimkien mużiċisti u kantanti minn ambjenti differenti, biex b'hekk ġew esposti mużika u strumenti mużikali minn kulturi differenti: mużika Ċiniża u Peruvjana, mużika tribali Afrikana kif ukoll strumenti tradizzjonali Maltin akkumpanjati bil-hip/hop. Kien hemm ukoll beat boxing, break dancers u mużika hip hop/rap. Il-mużika titqies bħala wieħed mill-aktar mezzi effettivi u popolari ta' komunikazzjoni fost iż-żgħażagħ u ġġib magħha d-diversita' kif espressa mill-artisti, stili ta' mużika u strumenti li jirrappreżentaw kulturi differenti. Permezz tad-diversita' tal-ħsejjes, li huwa kunċett integrat ħafna fil-kultura taż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ u l-pubbliku ġenerali ġew mistiedna jesploraw id-diversita' permezz ta' dan il-kunċert fejn ġew esposti għall-kulturi minn fejn ġew dawn il-ħsejjes mużikali.

Partijiet oħra minn din il-kampanja immirata lejn iż-żgħażagħ jinkludu: kampanja permezz ta' video fuq l-internet, posters u fuljetti bi kwotazzjonijiet bi kliem iż-żgħażagħ li pparteċipaw fis-Seminar għaż-Żgħażagħ.

## Diskriminazzjoni Multipla

Fl-1 ta' Novembru 2011 ġie organizzat Simpożju dwar id-Diskriminazzjoni Multipla, bl-għan li tinħoloq kuxjenza fost professjonijisti u akkademiċi fuq livell lokali, dwar il-kunċett tad- diskriminazzjoni multipla, kif ukoll biex jiġi stimulat dibattitu fi ħdan id-diversi setturi li għandu jkollu effett anċillari fuq diskussjonijiet futuri.

Niall Crowley spjega b'mod ġenerali l-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla u l-implikazzjonijiet tagħha. Wara li fl-2011 saret Sejħa għall-Kitbiet Akkademiċi, esperti diversi taw preżentazzjonijiet dwar l-aspetti differenti tad-diskriminazzjoni multipla waqt dan is-Simpożju. Erica Howard, mid-Dipartiment tal-Liġi tal-Universita' ta' Middlesex, saħqet fuq l-impatt ċar li għandu l-ġeneru fuq id-diskriminazzjoni abbażi ta' razza jew oriġini etnika. Hareġ ukoll ċar li hawn nuqqas kbir ta' informazzjoni u data fir-rigward ta' diskriminazzjoni multipla. Frederique Ast mid-Dipartiment Legali tal-Korp tal-Ugwaljanza Franċiż, kif ukoll Riem Spielhaus miċ-Ċentru dwar il-Ħsieb Iżlamiku Ewropew tkellmu dwar id-disriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa Musulmani. Iż-żewġ kelliema spjegaw kif il-Musulmani, b'mod speċjali n-nisa Musulmani li jkunu libsin il-hidjab jiltaqgħu dejjem iktar ma' diskriminazzjoni fl-Ewropa speċjalment wara 9/11. Matul id-diskussjoni eżaminaw kif l-identita' tagħhom tifforma d-diskriminazzjoni, u sa fejn id-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon twassal għal diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru. Vickie Gauci u Marianne Debono, it-tnejn mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD) tkellmu dwar il-mod kif il-ġeneru u d-diżabilita' jistgħu jkunu marbuta, minħabba li dawn iż-żewġ oqsma rari jintrabtu flimkien. Il-kelliema enfasizzaw li l-KNPD temmen li jekk issir diskussjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni multipla, dan jgħin sabiex din il-problema toħroġ fil-beraħ waqt diskussjonijiet dwar miżuri politiċi kemm fil-qasam tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll f'dak tad-diżabilita'. Wara dawn l-interventi, diversi rappreżentanti minn istituzzjonijiet differenti iddibattew l-aspetti differenti li ġew ippreżentati fir-rigward ta' diskriminazzjoni multipla.

## Riċerka

Wieħed mill-komponenti tal-proġett Naħsbu b'Mod Ugwali kien jinkludi fih erba' studji ta' riċerka, kif ukoll żewġ fuljetti. L-istudji ta' riċerka kienu żewġ Studji Kwalitattivi ma' minoranzi etniċi u LGBT kif ukoll żewġ Studji Kwantitattivi maż-żgħażagħ u impjegati pubbliċi. Is-sejbiet ta' dawn l-istudji ġew imħabbra waqt il-Konferenza Finali tal-proġett

Ir-riċerka kwantitattiva dwar id-diskriminazzjoni fost iż-żgħażagħ uriet biċ-ċar li ż-żgħażagħ kellhom għarfien limitat dwar l-NCPE iżda sa ċertu punt kellhom għarfien dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni. Hareġ ukoll li ma tantx kienu infurmati rigward il-liġijiet Maltin u ħareġ ukoll li n-nisa dehru li kellhom livell ogħla ta' għarfien. Ħafna żgħażagħ taw definizzjoni tajba tal-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni u b'mod ġenerali urew li jħaddnu valuri u attitudni pożittivi. Ġew rappurtati ftit każijiet ta' diskriminazzjoni u fost dawn l-iżjed li ssemmew kienu d-diskriminazzjoni marbuta mal-eta' u mal-ġeneru. Fl-istess ħin ingħataw ħafna raġunijiet għalxiex ma tiġix irrapurtata d-diskriminazzjoni. Ta' min jgħid li ż-żgħażagħ kienu xhieda ta' diversi każijiet ta' diskriminazzjoni l-iktar minħabba l-kultur tal-ġilda/grupp etniku u l-orjentazzjoni sesswali. Deher ukoll li l-parteċipanti urew ix-xewqa li jitgħallmu iżjed dwar l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni. Ħafna minnhom huma tal-opinjoni li l-internet huwa mezz effettiv ħafna sabiex jitgħallmu fuq id-diskriminazzjoni.

Ir-riżultati miksuba f'dan l-istudju huma simili ħafna, fir-rigward ta' ċertu diskriminazzjoni, għar-riżultati li ħarġu fost l-impjegati pubbliċi. L-Impjegati Pubbliċi kellhom livell ta' għarfien dwar l-NCPE u l-impjegati f'karigi ta' tmexxija kellhom għarfien ogħla minn ħaddieħor. L-impjegati f'karigi ta' tmexxija u l-impjegati nisa ħadu pożizzjoni iktar qawwija fir-rigward tal-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni. Jidher ukoll li ġew esperjenzati ftit każijiet ta' diskriminazzjoni iżda ħafna kienu xhieda ta' episodji ta' diskriminazzjoni l-iktar f'każijiet ta' kultur tal-ġilda/grupp etniku u orjentazzjoni sesswali. Dan l-istudju wassal għall-konklużjoni li hemm ħtieġa li jsir investiment fit-taħriġ immirat lejn nies ta' karigi ta' livell inferjuri fl-entitajiet pubbliċi, li jiżdied iktar għarfien u tiġi kkunsidrata r-reviżjoni ta' servizzi u prattiċi, u wkoll li tingħata iżjed promozzjoni għall-użu ta' għodod prattiċi marbuta mal-anti-diskriminazzjoni.

> "Bosta minn dawk intervistati irrappurtaw każijiet ta' diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg

B'riferenza għar-riċerka kwalitattiva li saret dwar Diskriminazzjoni Razzjali f'Malta, ir-riċerkaturi sostnew li, b'mod ġenerali, l-istudju espona numru ta' każijiet ta' razziżmu jew diskriminazzjoni minħabba oriġini etnika li kienu jafu bihom il-25 parteċipant. Dawn l-episodji kienu jvarjaw minn 'sensazzjoni' jew 'ħarsa', sa insulti, abbuż fiżiku u swat. Dawn il-każijiet jidhru li seħħew f'kull sfera tal-ħajja tal-parteċipanti, kemm pubblika kif ukoll privata, kemm bħala tfal kif ukoll bħala adulti. Din ir-riċerka esponiet ukoll il-fatt li hemm nuqqas ta' għarfien f'dak li għandu x'jaqsam ma' protezzjoni u rimedju u għaldaqstant jidher li għandhom isiru sforzi sabiex jiżdied l-għarfien f'dan il-qasam. Tidher ukoll il-ħtieġa li jiżdied l-għarfien tal-pubbliku Malti fuq dawn il-kwistjonijiet, jiġifieri, dwar x'inhu meqjus bħala diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika, kif ukoll dwar il-liġijiet li jipproteġu u jagħtu rimedju għal dan.

Fir-rapport dwar ir-riċerka kwalitattiva dwar id-diskriminazzjoni ma' persuni LGBT f'Malta, li saret ma' 25 persuna LGBT, bosta minn dawk intervistati irrappurtaw każijiet ta' diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi minkejja r-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi, li ilhom fis-seħħ mill-2004 u jħarsu d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali fl-impjieg. Din it-tip ta' diskriminazzjoni tinkludi tgħajjir u fastidju, diskriminazzjoni fl-istadju ta' intervista għall-impjieg, tkeċċija u iżolament. Hareġ ukoll li meta persuna tkun qiegħda f'relazzjoni ma' persuna oħra tal-istess sess, hemm iżjed tendenza li jsir fastidju u diskriminazzjoni fl-oqsma tal-akkomodazzjoni, saħħa, benefiċċji soċjali, aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi u tgawdija ta' spazji pubbliċi. Il-maġġoranza tal-parteċipanti jafu dwar l-eżistenza ta' provvedimenti leġiżlattivi fil-qasam tal-impjiegi, madankollu kienu biss ftit parteċipanti li kienu jafu li din il-protezzjoni ma testendix għal oqsma oħra. Barra minn hekk, ftit inqas minn terz tal-25 parteċipant ta' dan l-istudju esperjenzaw diskriminazzjoni fil-qasam tal-akkomodazzjoni, filwaqt li iktar minn nofshom għaddew minn diskriminazzjoni f'istituzzjonijiet edukattivi. Ħafna mill-parteċipanti kienu jafu bl-eżistenza tad-Dipartiment għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (DIER) u bl-NCPE, madankollu mhux neċessarjament kienu jifhmu l-funzjoni tagħhom.

Bħala parti minn dan il-proġett ġew żviluppati Fuljett ta' informazzjoni u kumpilazzjoni ta' każistika. Il-fuljett ta' informazzjoni huwa għodda tal-ewwel għajnuna għall-vittmi billi jipprovdi informazzjoni relevanti dwar servizzi disponibbli, il-miżuri ta' rimedju u wkoll fejn jistgħu jiksbu għajnuna l-persuni li jħossu li huma diskriminati. Fih ukoll dettalji tal-Għaqdiet Non-Governattivi (NGOs), professjonisti u aġenziji pubbliċi, kif ukoll serje ta' mistoqsijiet komuni rigward l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni. Il-kumpilazzjoni tal-każistika fir-rigward ta' dawn l-oqsma indirizzat in-nuqqas ta' disponibilita' li kellhom il-professjonisti li jaċċessaw materjal rilevanti, filwaqt li fl-istess ħin tindika prinċipji rilevanti sabiex setturi differenti tas-soċjeta' jiġu infurmati dwar dawn il-prinċipji. Din il-kumpilazzjoni tinkludi partijiet importanti minn ġudizzji tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-NCPE, il-KNPD, it-Tribunal Industrijali u l-Ombudsman.

## Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara FSE 3.47

Dan il-proġett, 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara' li attwalment qed jiġi implimentat mill-NCPE, huwa ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew u jiġi fi tmiemu f'Diċembru 2012.

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Lejn l-aħħar tas-sena 2011, l-ammont totali tal-impjegati li kienu qed jaħdmu f'organizzazzjonijiet li huma iċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza kien ta' 13,232.

Għanijiet tal-Proġett 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara FSE 3.47' huma li:

- *Tiżdied ir-rata ta' nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' inċentivi indiretti għax-xogħol;*
- *Tinħoloq il-ħtieġa għall-kumpaniji li jiġu iċċertifikati bħala kumpaniji li jemmnu f'opportunitajiet indaqs;*
- *Ikun hemm ambjent favur il-familja fuq il-post tax-xogħol;*
- *Isiru arranġamenti disponibbli fuq il-postijiet tax-xogħol li jservu bħala inċentivi għal persuni inattivi sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol;*
- *Tingħata iżjed promozzjoni lill-ħtieġa ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik familjari kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa;*
- *Ikun hemm iżjed għarfien dwar il-bżonnijiet u l-kapaċitajiet tal-persuni li huma inattivi sabiex jiġi garantit l-impjieg; u*
- *Tingħata informazzjoni importanti permezz tar-riċerka lill-policy makers.*

Dan il-proġett hu magħmul minn żewġ (2) komponenti ewlenin:

**1) Riċerka**
L-element tar-Riċerka jikkonsisti f'ħames proġetti ta' riċerka:

1) Studju lonġitudinali li jeżamina l-prospetti għall-ħajja ta' ġenituri żgħar (qed nirreferu għal persuni li jsiru ġenituri qabel jagħlqu l-20 sena) f'dak li għandu x'jaqsam ma' prospetti edukattivi, ta' xogħol, tfassil ta' rwoli u l-użu ta' strutturi li joffru appoġġ

2) A) Studju komparattiv li jiffoka fuq nisa u rġiel imprendituri li jesplora għaliex saru dawn l-għażliet; u anke ħarsa lejn x'inhuma l-aspettattivi tagħhom.
2) B) Studju biex nifhmu aħjar ir-realta' ta' min jaħdem għal rasu; ta' ħaddiema b'kuntratti fl-industrija tat-turiżmu / tindif / skejjel tal-lingwa, u x'inhu dak li jagħmel is-sitwazzjoni tagħhom waħda vulnerabbli.

3) A) Riċerka dwar x'joħloq il-glass ceiling u l-glass cliff fis-soċjeta' Maltija;
3) B) Studju kwantitattiv u kwalitattiv li jipprova jidentifika jekk l-indipendenza ekonomika hix aspett relevanti għall-mara Maltija.
3) C) Studju li jeżamina l-effetti tal-benefiċċji tas-sigurta' soċjali fuq id-deċiżjoni jekk persuni li jibbenefikaw minn dawn il-benefiċċji joħorġux jaħdmu jew le.

4) A) Studju li jidentifika, jifhem u jevalwa r-raġunijiet wara l-inattivita' tan-nisa fil-popolazzjoni Maltija (din ir-riċerka tkompli fuq studji li saru mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u, mill-proġett li twettaq mill-NCPE, l-EQUAL 4 – 'Promoting Equal Opportunities through Empowerment' rispettivament);
4) B) Studju tal-ħiliet tal-popolazzjoni inattiva.

5) Studju li janalizza l-fatturi li jaffetwaw lin-nisa Għawdxin sabiex jiġu identifikati l-perċezzjonijiet u l-ħtiġijiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg

Ir-riżultati tal-aħħar erba' studji ta' riċerka li semmejna se jiġu ppreżentati matul il-konferenza tal-proġett fil-bidu tas-sena 2012. Ir-riżultati tal-ewwel studju, minħabba li huwa wieħed lonġitudinali, se jiġu ppreżentati matul il-konferenza finali tal-proġett.

> “ L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol

**2) Il-Marka tal-Ugwaljanza**
It-tieni element tal-proġett huwa l-Marka tal-Ugwaljanza, ċertifikat li qed jingħata lill-kumpaniji li jħaddnu l-prinċipju tal-ugwaljanza bħala wieħed mill-valuri tagħhom, u min imexxi f'dawn il-kumpaniji jagħraf u jippromwovi l-potenzjal tal-impjegati kollha irrispettivament mill-ġeneru u r-responsabbiltajiet tal-familja. Iċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza hija mmirata lejn postijiet tax-xogħol bl-għan li toħloq inċentivi u tagħti appoġġ lil min iħaddem sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal tar-riżorsi umani disponibbli. Il-Marka tal-Ugwaljanza tinkludi wkoll l-oġġetti u s-servizzi li joffru l-organizzazzjonijiet bl-għan li jiġi żgurat li l-klijenti tal-organizzazzjoni jibbenefikaw mill-istess drittijiet li għandhom il-ħaddiema.

*Il-logo tal-Marka tal-Ugwaljanza ingħata promozzjoni fuq reklami tat-TV fuq l-istazzjonijiet kollha ta' Malta, fuq billboards madwar il-gżejjer, reklami f'rivisti u artikli, reklami f'gazzetti li kienu qed jippromwovu s-sessjonijiet ta' informazzjoni jew fejn ġew rikonoxxuti l-organizzazzjonijiet iċċertifikati, kif ukoll f'eżerċizzji ta' relazzjonijiet pubbliċi mill-organizzazzjonijiet waqt il-promozzjoni taċ-ċertifikazzjoni tagħhom.*

## Il-Proċess taċ-Ċertifikazzjoni tal-Marka tal-Ugwaljanza

Iċ-ċertifikazzjoni hija bbażata fuq sett ta' kriterji li huma maqsumin f'sitt prinċipji ewlenin, li huma:

- *Miżuri politiċi u inizjattivi*
- *Ingaġġ u Impjiegi*
- *Rappreżentanti tal-Ugwaljanza tal-Impjegati u Kumitati tal-Ugwaljanza*
- *Ugwaljanza fl-opportunitajiet fil-karriera u fl-iżvilupp personali*
- *Miżuri favur il-familja għan-nisa u l-irġiel b'responsabbiltajiet familjari*
- *Ugwaljanza bejn is-sessi fl-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi*

Il-proċess ta' applikazzjoni għall-Marka tal-Ugwaljanza jibda billi timtela applikazzjoni b'mod formali mal-NCPE billi jiġu sottomessi d-dokumenti li jixhdu l-eliġibilita' tal-kumpanija skont checklist li tinsab fuq is-sit tal-internet tal-NCPE. Meta organizzazzjoni tiffinalizza u tissottometti d-dokumentazzjoni kollha neċessarja, issir laqgħa /verifika fil-bini tal-kumpanija biex tkun garantita l-validita' tad-dokumentazzjoni u ssir analiżi tad-dokumenti. Il-laqgħat li jsiru ma' min iħaddem huma forma ta' eżerċizzju kostruttiv li permezz tiegħu, l-organizzazzjonijiet: jingħataw l-għajnuna b'mod kunfidenzjali mill-NCPE sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom skont il-liġi; jimplimentaw prattiċi ta' Riżorsi Umani li jħaddnu l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel lil hinn minn dak li titlob il-liġi; fl-istess waqt tinżamm is-sostenibilita' tan-negozju tagħhom. L-organizzazzjonijiet jingħataw l-għajnuna kollha sabiex jilħqu l-istandards meħtieġa biex jiġu iċċertifikati. Imbagħad isir ir-rapport tal-verifika u timtela l-applikazzjoni mill-Promotur tal-Marka tal-Ugwaljanza li jiġu ppreżentati lill-Kumitat tal-Marka tal-Ugwaljanza flimkien mad-dokumenti l-oħra meħtieġa.

## Taħriġ għar-Rappreżentanti tal-Ugwaljanza

Wieħed mill-kriterji sabiex jingħata ċ-ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza huwa li kull organizzazzjoni jkollha Rappreżentant/a tal-Ugwaljanza jew Kumitat tal-Ugwaljanza li jkunu mħarrġa. Dawn ir-Rappreżentanti jingħataw it-taħriġ waqt sessjonijiet li jsiru b'mod regolari mill-NCPE. Dan it-taħriġ ikopri: x'inhi d-diskriminazzjoni, fastidju u fastidju sesswali, il-liġi tal-ugwaljanza li tapplika għal Malta, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-NCPE, informazzjoni dwar il-proċess tal-applikazzjoni għall-Marka tal-Ugwaljanza u noti utli għal kif għanda tiġi mfassla politika dwar l-ugwaljanza u dwar fastidju sesswali skont il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni.

Minbarra li dan it-taħriġ huwa obbligatorju sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat, dawn is-sessjonijiet huma taħriġ siewi dwar l-ugwaljanza. Sa issa, ġew imħarrġa 99 persuna bħala parti minn dan il-proċess. 50 minn dawn ingħataw it-taħriġ matul l-2011.

Iċ-Ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza huwa validu għall-perjodu ta' sentejn, meta mbagħad il-kumpaniji jerġgħu jiġu evalwati biex jiġġedded iċ-ċertifikat hekk kif jgħaddi dan il-perjodu.

## Lista ta' Organizzazzjonijiet li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza sa Diċembru 2011 (ippreżentati f'ordni alfabetiku):

- *AdPro-Instruments Ltd*
- *Alert Communications Ltd*
- *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd*
- *Bank of Valletta plc (BOV)*
- *Betsson Malta Ltd*
- *Chetcuti Cauchi & Associates*
- *Deloitte*
- *Directorate of Pharmaceutical Policy & Monitoring*
- *Enemalta Corporation*
- *European School of English (ESE)*
- *Foundation for Medical Services (FMS)*
- *Foundation for Social Welfare Services (FSWS)*
- *FTIAS Ltd.*
- *HSBC Bank Malta plc*
- *Intercomp Group of Companies*
- *Internal Audit & Investigations Department (IAID)*
- *Link School of English (LSE) / Sunlingua*
- *Lotteries & Gaming Authority (LGA)*
- *Mater Dei Hospital*
- *Medavia Ltd*
- *Megabyte Ltd*
- *Melita plc*
- *Misco Consulting Ltd*
- *Misco International Ltd*
- *National Audit Office (NAO)*
- *National Statistics Office (NSO)*
- *Nexia BT*
- *Partit Laburista (PL)*
- *Pharmacy of Your Choice (POYC)*
- *ST Microelectronics (Malta) Ltd*
- *Vodafone Malta Ltd*
- *World Aviation Group*

# KIF TISTA' TAGĦMEL UŻU MIS-SERVIZZI LI TOFFRI L-NCPE?

Jekk tixtieq tikkuntattja 'l NCPE fir-rigward tal-kontenut ta' dan ir-Rapport Annwali jew dwar xi kwistjoni oħra marbuta mal-ugwaljanza, tista' tagħmel dan b'dawn il-modi:

**Numru tat-Telefon +356 2590 3850**

**Email equality@gov.mt**

**Web www.equality.gov.mt**

**Facebook fittex 'National Commission for the Promotion of Equality' fuq Facebook, u ibgħatilna messaġġ, agħmel 'like' fuq il-posts tagħna, tella' ritratti marbuta mal-attivitajiet tagħna jew agħmel kuntatt magħna**

F'każ li tixtieq tiġi fl-uffiċċju tal-NCPE, jekk jogħġbok ċempel jew ibgħat email qabel sabiex tingħata appuntament mal-membru tal-istaff relevanti. L-uffiċċji tagħna qegħdin:

**Ir-Raba' Sular,**
**Dar Gattard,**
**Triq Nazzjonali**
**Blata l-Bajda ĦMR 9010**
**Malta**

# GWIDA PASS-PASS GĦALL-NCPE



# DESKRIZZJONI TAL-QAGĦDA FINANZJARJA

L-ispiża rikorrenti totali għas-sena 2011 kienet ta' €366,707. 86% (€314,723) minn dawn huma spejjeż marbuta mas-salarji tal-istaff u onorarja filwaqt li l-bqija jiġifieri 14% (€51,984) intefqu f'manutenzjoni ġenerali u spejjeż marbuta mal-operat tal-NCPE. Il-grafika t'hawn taħt hija analiżi tal-ispejjeż marbuta mal-operat u manutenzjoni:




*Tabella 4: Spejjeż tal-Operat u Manutenzjoni għall–2011.*

Meta mqabbla mas-sena l-oħra naqsu l-ispejjeż fejn il-maġġoranza tal-ispejjeż issa huma marbuta ma' transport, safar, stationery għall-uffiċċju, stampar u spejjeż ta' posta. Dawn f'daqqa jammontaw għal kważi 50% tal-ispejjeż li ntefqu fuq l-operat. L-infiq kollu li sar inżamm fl-inqas livell possibbli.

Matul din is-sena finanzjarja, il-Kummissjoni għamlet użu b'suċċess ta' Fondi tal-UE u għadha għaddejja b'numru ta' proġetti finanzjati mill-UE, li b'kollox ipprovdew dħul ta ftit inqas minn €90,000. Dan id-dħul l-iktar li ntefaq kien fis-salarji li tħallsu b'rabta mal-proġetti. Il-proġett "Naħsbu b'Mod Ugwali", li ngħata bidu f'Diċembru 2010, ġie fi tmiemu f'Diċembru 2011. Il-baġit totali li kien allokat jammonta għal €176,740, li jinkludi spejjeż ta' overheads li jammontaw għal €11,562.

Sal-aħħar tas-sena 2011, il-proġetti mniżżla hawn taħt kienu għadhom għaddejjin. L-ammonti msemmija huma marbuta mal-valur total tal-proġett.

| **Isem tal-Proġett** | **Baġit allokat (€)** |
|---|---|
| *ESF 3.47: Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara* | *€621,885* |
| *VS/2010/0819 – L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi: fil-Prattika* | *€311,622* |
| *JUST/2011/PROG/AG/1902 – Miniex Persuna Razzista, Imma...* | *€ 176,964* |
| *Human European Consultancy* | *€3,651* |
| **Total** | **€1,114,122** |

*Tabella 5: Il-valuri totali tal-proġetti.*

# INĦARSU 'L QUDDIEM

Is-sena 2011 kienet sena mimlija attivitajiet, fosthom ħolqien ta' għarfien, taħriġ u riċerka. Hekk kif rajna fil-partijiet li għaddew ta' dan ir-rapport, ir-riċerka li saret xeħtet dawl importanti fuq diversi aspetti li jagħmlu parti mis-soċjeta' Maltija, u dawn is-sejbiet se jintużaw bħala bażi għal iktar ħidma minn diversi partijiet interessati li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza.

Fis-snin ta' qabel, inħass il-bżonn li jkun hemm konċentrazzjoni fuq kwistjonijiet marbuta ma' razza f'Malta, u minħabba f'hekk, matul l-2011, l-NCPE applikat għal proġett ieħor, li għadu kif ġie approvat fl-aħħar tliet xhur tas-sena. Dan il-proġett ko-finanzjat minn PROGESS JUST/2011/PROG/AG/1902 M'iniex Persuna Razzista, Imma... se jiġi implimentat waqt l-2012.

Dan il-proġett huwa ibbażat primarjament fuq is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn żewġ studji ta' riċerka li saru bħala parti mill-proġett li l-NCPE implimentat fl-2010, VS/2009/0405 Insaħħu l-Ugwaljanza lil hinn mil-Leġiżlazzjoni. Dawn huma 'In-nuqqas ta' rappurtaġġ ta' inċidenti diskriminatorji' u l-'Pjan Nazzjonali kontra r-Razziżmu u l-Ksenofobija'. L-iskopijiet ewlenin tal-proġett M'iniex Persuna Razzista, Imma... huma li jiġi żviluppat ħsieb ċar tas-sitwazzjoni reali tal-minoranzi etniċi u l-akkomodazzjoni u anke sabiex ikomplu jiġu inkoraġġuti l-partijiet interessati sabiex jipprevjenu u jikkumbattu d-diskriminazzjoni f'dan il-qasam; sabiex tingħata ħeġġa lill-persuni Afrikani biex iwasslu leħenhom, jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom u jirrapurtaw id-diskriminazzjoni; u biex jinħoloq għarfien dwar id-diskriminazzjoni abbażi tar-razza u tingieb 'il quddiem il-kultura tad-diversita'.

Dan il-proġett jinvolvi l-kollabroazzjoni bħala sħab fil-proġett tal-partijiet interessati ewlenin f'dan il-qasam li huma (Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS), Jesuit Refugee Service (JRS) Malta u l-Kummissarju Għoli tar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) Malta. Fost l-elementi fi ħdan dan il-proġett hemm ir-riċerka dwar gruppi immigranti u minoranzi etniċi b'rabta mal-akkomodazzjoni, li mbagħad b'riżultat tagħha se jiġi żviluppat programm ta' taħriġ għas-sidien tal-propjeta' u r-rappreżentanti tagħhom. Ukoll mibnijin fuq ir-riċerka, se jiġu żviluppati żewġ fuljetti, wieħed għas-sidien tal-propjeta' li jitkellem dwar il-liġi relevanti kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li l-ieħor se jkun fih informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-kerrejja u se jkun immirat lejn immigranti u minoranzi etniċi. Se jsir ukoll taħriġ mal-minoranza Afrikana f'Malta, fejn dawn se jiġu mħarrġa dwar kwistjonijiet bħal tisħiħ, negozjar u promozzjoni, kif persuna għandha ssemma' leħenha, kif isiru rapporti ta' inċidenti diskriminatorji, drittijiet u rimedji. Il-proġett jinkludi wkoll element ta' ħolqien ta' għarfien li se jinkludi fih 'Ġurnata bit-tema anti-razzista', li fiha se jkun hemm diversi attivitajiet li se joħolqu atmosfera multikulturali li tippromwovi d-diversita; kif ukoll l-iżvilupp ta' reklami u vidjos dwar ir-razza u l-oriġini etnika. L-għan ta' dawn il-vidjo klips se jkun li jxerred messaġġi anti-razzisti, jinħoloq għarfien u jiġu ipperpetwati stampi pożittivi ta' minoranzi etniċi fl-ambjent lokali, jagħtu ċans lil minoranzi etniċi u immigranti jsemmgħu leħenhom fil-midja u jiffaċilitaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-immigranti u l-minoranzi etniċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' iżjed ħolqien ta' għarfien fuq diversi kwistjonijiet. Dan il-proġett se jiġi evalwat esternament u jintemm permezz ta' konferenza finali li se ġġib flimkien il-partijiet interessati kollha u fejn se jiġu ppreżentati r-riċerka u l-attivitajiet li jkunu saru waqt il-proġett.

Minbarra l-proġett M'iniex Persuna Razzista, Imma..., matul l-2012 se tkompli l-ħidma fuq il-proġetti 'Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara" u l-"Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi - fil-Prattika", fejn l-NCPE se tkompli tanalizza l-ħtiġijiet attwali tas-soċjeta' sabiex tkompli toħloq għarfien u tagħmel riċerka dwar kwistjonijiet kurrenti.

NCPE se tkompli wkoll tilqa' u tinvestiga lmenti sabiex il-vittmi tad-diskriminazzjoni jiksbu rimedji għad-diskriminazzjoni li jkunu sofrew. L-NCPE għandha wkoll il-ħsieb li tkompli tuża l-forom kollha ta' komunikazzjoni sabiex tkompli twassal il-messaġġ tal-ugwaljanza lil kemm jista' jkun nies u wkoll biex jiġi żgurat li l-pubbliku jsir jaf bl-NCPE bħala l-korp li joffri rimedju, ħolqien ta' għarfien u anke taħriġ.

Huwa permezz ta' dan ix-xogħol kollu li sar mill-NCPE matul is-snin, kif ukoll ix-xogħol li se jitwettaq fl-2012 u fil-ġejjieni, flimkien mal-ħidma ta' diversi partijiet interessati li jaħdmu fl-oqsma relatati, li Malta u Għawdex qed ikomplu jsostnu bidla li twassal għall-kultura ta' drittijiet u ugwaljanza. Barra minn hekk, din issir ukoll billi l-pubbliku u l-partijiet interessanti jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom b'rabta mal-ugwaljanza kif ukoll dwar is-servizzi li toffri l-NCPE sabiex ikun hemm żieda fir-rapporti u b'hekk bidla fil-prattiċi diskriminatorji.